# MALTA

**ATT Nru. I ta' l-1992**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jipprovdi għall-ippjanar u tmexxija ta' l-iżvilupp, għat-twaqqif ta' Awtorita' b'setgħat għal hekk u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma ancillari għalihom.**

**ACT No. I of 1992**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to make provision for the planning and management of development, for the establishment of an authority with powers to that effect and for matters connected therewith or ancillary thereto.**

# ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

## WERREJ

## TAQSIMA I: PRELIMINARI:

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir

## TAQSIMA II: AMMINISTRAZZJONI:

### L-AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

3. Twaqqif ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar
4. L-Awtorità tkun enti morali
5. Funzjonijiet ta' l-Awtorità
6. Uffiċjali u mpjegati ta' l-Awtorità
7. Disposizzjonijiet finanzjarji
8. Kontijiet u verifika
9. Rapport Annwali
10. Kuntratti ta' provvista u xogħolijiet
11. Eżenzjoni minn taxxa

### IL-KUMITAT KONSULTATTIV DWAR L-IPPJANAR

12. Twaqqif u funzjonijiet ta' Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar

### IL-KUMMISSJONI GĦALL-KONTROLL TA' L-IŻVILUPP

13. Twaqqif u funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

### BORD TA' APPELL DWAR L-IPPJANAR

14. Twaqqif u funzjonijiet ta' Bord ta' Appell
15. Funzjonijiet u Proċedura tal-Bord ta' l-Appell

### DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

16. Membri ta' l-Awtorità eċċ jitqiesu uffiċjali pubbliċi
17. Publikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri ta' l-Awtorità eċċ

## TAQSIMA III: L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP:

### IL-PJAN TA' STRUTTURA

18. Il-Pjan ta' Struttura, il-preparattivi għalih u r-reviżjoni tiegħu
19. Publikazzjoni ta' pjan ta' struttura u reviżjoni tiegħu
20. Studju tal-pjan jew reviżjoni tiegħu minn *Panel*
21. Meta l-pjan jew reviżjoni jiġu mibgħuta lura
22. Kunsiderazzjoni finali u approvazzjoni ta' pjan jew reviżjoni
23. Pjanijiet sussidjarji
24. Pjanijiet dwar suġġett

25. Pjanijiet lokali
26. Pjanijiet ta' azzjoni
27. Proċeduri għall-pjanijiet sussidjarji
28. Reviżjoni ta' pjan sussidjarju
29. Pjanijiet sussidjarji fin-nuqqas ta' pjan ta' struttura

## TAQSIMA IV: KONTROLL TA' L-IŻVILUPP:

### ĦTIEĠA TA' PERMESS BIEX ART TIĠI ŻVILUPPATA

30. L-iżvilupp jeħtieġ permess
31. Ordnijiet dwar l-iżvilupp
32. Talba għal permess għall-iżvilupp
33. Permessi għall-iżvilupp
34. Disposizzjonijiet supplementari dwar permessi għall-iżvilupp
35. Reġistru ta' applikazzjonijiet għal permessi għall-iżvilupp u deċiżjonijiet dwarhom
36. Deċiżjonijiet jittieħdu mingħajr dewmien
37. Appelli minn deċiżjonijiet ta' l-Awtorità
38. Applikazzjoni għall-permess għal żvilupp mill-Gvern u l-Aġenziji tiegħu
39. Applikazzjoni għat-tħaffir ta' minerali

### REVOKA U TIBDIL TA' PERMESS BIEX ART TIĠI ŻVILUPPATA

40. Revoka u tibdil ta' permess għall-iżvilupp

### ĦLASIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET DWAR L-IŻVILUPP

41. Ħlasijiet u kontribuzzjonijiet
42. Kontribuzzjonijiet għall-infrastruttura
43. L-iżvilupp jibda wara l-ħlas tad-dritt u kontribuzzjonijiet
44. Publikazzjoni ta' ħlasijiet u kontribuzzjonijiet

### SETGĦAT OĦRA DWAR IL-KONTROLL TA' L-IŻVILUPP

45. Ordni biex jieqaf jew jitneħħa xogħol eċċ
46. Proprjetà skedata u ordni għal konservazzjoni
47. Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni
48. Siġar protetti u Ordni għall-preservazzjoni ta' siġar
49. Reklami
50. Ħsara lill-ġmiel jew siwi

## TAQSIMA V: TWETTIQ TAL-KONTROLL:

51. Tgħassis fuq l-iżvilupp
52. Proċedura ta' twettiq
53. Il-Proċedura tat-twettiq tapplika għal proprjetà skedata eċċ
54. Avviżi oħra ta' twettiq
55. Disposizzjonijiet supplementari dwar it-twettiq

## TAQSIMA VI: REATI DWAR ŻVILUPP U PIENI:

56. Reati
57. Kopji ċertifikati ta' ċerti dokumenti
58. Proċedura speċjali

## TAQSIMA VII: SUPPLEMENTARI:

59. Poter li tagħmel regolamenti jinkludi poter li tirrevoka eċċ
60. Regolamenti
61. Ċertifikat ta' żvilupp skond il-permess
62. Notifiki taħt dan l-Att
63. Tħassir u riserva

**SKEDI**

| | |
|---|---|
| L-EWWEL SKEDA: | Artikolu 3, Disposizzjonijiet dwar l-Awtorità |
| IT-TIENI SKEDA: | Artikolu 6, Disposizzjonijiet dwar l-uffiċjali pubbliċi mqabbda biex jaqdu dmirijiet ma' l-Awtorità |
| IT-TIELET SKEDA: | Artikolu 15, Proċedimenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar u appelli minnhom |

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

JIMMY FARRUGIA
Aġent President

17 ta' Jannar, 1992

**ATT Nru. I ta' l-1992**

*ATT biex jipprovdi ghall-ippjanar u tmexxija ta' l-iżvilupp, ghat-twaqqif ta' Awtorita' b'setghat ghal hekk u ħwejjeġ li ghandhom x'jaqsmu maghhom jew li huma anċillari ghalihom.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u kunsens tal-Kamra tad-Deputati ta' Malta, imlaqqgħa, f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

# TAQSIMA 1
# PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ippjanar ta' l-iżvilupp jista' jistabblixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti dwar disposizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:–

**"aġenzija tal-Gvern"** tfisser enti morali imwaqqaf b'liġi u kumpanija li fiha l-Gvern jew enti bħal dak, jew it-tnejn flimkien, għandhom interess li jikkontrollha jew li hija sussidjarja ta' kumpanija bħal dik;

**"art"** tinkludi bini;

**"avviż ta' twettieq"** għandha t-tifsir mogħti lilha mill-artikolu 54 ta' dan l-Att;

**"l-Awtorità"** tfisser l-Awtorita' ta' l-Ippjanar imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' dan l-Att u tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f'isimha bis-saħħa ta' setgħat delegati mill-Awtorita' taħt dan l-Att;

**"bini"** tinkludi kull struttura jew erezzjoni u kull parti ta' bini, iżda ma tinkludix impjant jew makkinarju kompriż f'bini;

**"bini jew xogħol"** tinkludi materjal skartat, żibel jew materjal ieħor depożitat fuq art;

**"bini skedat"** u **"siġar skedati"** għandhom it-tifsir mogħti lilhom, rispettivament, mill-artikolu 46 u 48 ta' dan l-Att;

**"il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar"**, **"il-Bord ta'Appell"** u **"il-Bord"**, ifissru il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar imwaqqaf bl-artikolu 14 ta' dan l-Att;

**"id-Direttur ta' l-Ippjanar"** u **"id-Direttur"** ifissru d-Direttur ta' l-Ippjanar nominat taħt l-artikolu 6 ta' dan l-Att, u jinkludi kull persuna li taġixxi f'ismu jew taħt l-awtorita' tiegħu;

**"erezzjoni"** dwar bini, tinkludi estensjoni, tibdil u erezzjoni mill-ġdid;

**"funzjonijiet"** tinkludi responsabiltajiet, setgħat u dmirijiet;

**"il-Kumitat"** tfisser il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar imwaqqaf bl-artikolu 12 ta' dan l-Att;

**"il-Kummissjoni"** tfisser il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp imwaqqfa bl-artikolu 13 ta' dan l-Att;

**"minerali"** tinkludi l-minerali u s-sustanzi kollha (inklużi ż-żejt u l-gas naturali) ġewwa jew taħt l-art ta' xorta ordinarjament maħduma biex jiġu estratti b'xogħol taħt l-art jew f'wiċċ l-art;

**"Ministru"** tfisser il-Ministru responsabbli għall-ippjanar ta' l-iżvilupp;

**"ordni dwar l-iżvilupp"** tfisser ordni magħmul taħt u għall-għanijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att;

**"ordni dwar reklami"** tfisser ordni magħmul taħt u għall-għanijiet ta' l-artikolu 49 ta' dan l-Att;

**"ordni għall-konservazzjoni"** tfisser ordni magħmul taħt u għall-finijiet ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att;

**"ordni għall-preservazzjoni ta' siġar"** tfisser ordni magħmul taħt u għall-għanijiet ta' l-artikolu 48 ta' dan l-Att;

**"permess għall-żvilupp"** tfisser permess biex isir żvilupp mogħti mill-Awtorita' jew fuq talba għal hekk jew f'ordni dwar l-iżvilupp;

**"pjan dwar suġġett"** għandha t-tifsir mogħti lilha mill-artikolu 24 ta' dan l-Att;

**"pjan lokali"** għandha t-tifsir mogħti lilha mill-artikolu 25 ta' dan l-Att;

**"pjan ta' azzjoni"** għandha t-tifsir mogħti lilha mill-artikolu 26 ta' dan l-Att;

**"pjan ta' struttura"** għandha t-tifsir mogħti lilha mill-artikolu 18 u 22 ta' dan l-Att;

**"pjanijiet ta' żvilupp"** tinkludi l-pjan ta' struttura, pjanijiet dwar suġġett, pjanijiet lokali u pjanijiet ta' azzjoni;

**"preskritt"** tfisser preskritt b'regolamenti, regoli, ordni jew strument ieħor magħmula kif provdut fid-disposizzjoni ta' dan l-Att li tagħti s-setgħa li jsir dak l-istrument;

**"reklam"** tfisser kull kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, tabella, avviż, disinn jew xbiha, sew jekk illuminata sew jekk le, li għandha xorta ta' u hija użata għal kollox jew f'parti għal skop ta' reklam, avviż jew direzzjoni, inklużi kull stekkat jew struttura simili użata jew addattata għall-użu ta' wiri ta' reklami;

**"sena finanzjarja"** tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jispiċċa fit-30 ta' Settembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorita' għandha tibda

fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u tispiċċa fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara;

**"sid"**, dwar art, tfisser persuna li jew bi dritt tagħha jew bħala aġent ta' ħaddieħor għandha dritt tirċievi l-kera ta' l-art jew, fejn l-art m'hix mikrija, kien ikollha dak id-dritt kieku kienet mikrija:

Iżda meta l-art hi suġġetta għall-użufrutt l-espressjoni "sid" tinkludi sid l-art suġġetta għall-użufrutt;

**"żvilupp"** għandha t-tifsir mogħti lilha bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att;

**"taxxa dwar bini"** tfisser kull ħlas jew kontribuzzjoni li għandu jsir jew għandha titħallas taħt l-artikolu 41 u 42 ta' dan l-Att;

**"triq"** tfisser kull triq prinċipali jew triq, sew pubblika jew privata, u tinkludi kull triq, pjazza, bitħa, sqaq, sqajjaq, pont, passaġġ bir-riġel, passaġġ jew moll, sew jekk jgħaddi t-traffiku minnhom jew jekk le;

**"uffiċjal pubbliku"** għandha t-tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

**"użu"**, dwar art, ma tinkludix l-użu ta' l-art beix isiru fiha xogħolijiet ta' kostruzzjoni, inġinerija jew tħaffir jew xogħolijiet oħra fuqha;

**"xogħolijiet ta' bini"** tinkludi xogħolijiet ta' rikostruzzjoni, tibdil strutturali jew żieda f'bini, u xogħolijiet oħra normalment magħmula minn persuna li tagħmel ix-xogħol ta' bennej;

**"xogħolijiet ta' inġinerija"** tinkludi l-formazzjoni jew it-tqegħid ta' toroq u ta' mezzi ta' aċċess għal toroq.

# TAQSIMA II
# AMMINISTRAZZJONI

## 1. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar

Twaqqif ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar

**3.** (1) Qegħda b'dan tiġi mwaqqfa awtorita', li tkun magħrufa bħala l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li tkun magħmula minn mhux anqas minn tlettax u mhux aktar minn ħmistax-il membru, li minnhom wieħed ikun iċ-*chairman* ta' l-Awtorita'.

(2) Ħlief kif provdut xort'oħra aktar il-quddiem, il-membri ta' l-Awtorita' għandhom jiġu nominati mill-Prim Ministru kif ġej:

(a) ħames membri minnhom għandhom jintgħażlu minn fost uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet f'ministeri responsabbli għall-ambjent, l-infrastruttura, politika soċjali, ekonomija u agrikoltura;

(b) tmien membri (aktar 'il quddiem imsejħa il-"membri indipendenti") għandhom jintgħażlu minn fost persuni ta' integrita' magħrufa u li għandhom tagħrif u esperjenza fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma l-iżvilupp, inklużi attivitajiet kummerċjali jew industrijali, ħwejjeġ soċjali u kommunitarji u l-ambjent.

(3) Iż-żewġ membri oħra ta' l-Awtorita' għandhom ikunu membri tal-Kamra tad-Deputati li minnhom wieħed jiġi nominat mill-Prim Ministru u l-ieħor mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni:

Iżda l-Awtorita' tkun validament kostitwita u tista' tiffunzjona minkejja kull nuqqas li jiġu nominati taħt dan is-subartikolu ż-żewġ membri ta' l-Awtorita' jew wieħed minnhom.

(4) Iċ-*Chairman* u deputat-*chairman* ta' l-Awtorita' għandhom jintgħażlu mill-Prim Ministru minn fost il-membri indipendenti ta' l-Awtorita'.

(5) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (2) u (3) ta' dan l-artikolu, ebda persuna ma tikkwalifika biex tiġi nominata, jew biex tibqa', membru ta' l-Awtorita' jekk hija:

(a) uffiċjal pubbliku,

(b) membru jew uffiċjal jew impjegat ta' aġenzija tal-Gvern,

(ċ) membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(d) membru ta' awtorita' ta' gvern lokali.

(6) Il-membri indipendenti għandhom jibqgħu fil-kariga għal dak il-perijodu, li ma jkunx anqas minn tliet snin, li jkun speċifikat fl-ittra li biha jkunu ġew nominati, u jekk ebda perijodu ma jiġi speċifikat,

għandhom jibqgħu fil-kariga għal tliet snin. Meta jiffissa l-perijodu tal-kariga, il-Prim Ministru għandu, kemm jista' jkun, jara li jkun hemm element ta' rotazzjoni. Il-membri indipendenti jistgħu jirriżenjaw b'ittra ndirizzata lill-Prim Ministru iżda ma jistgħux jitneħħew mill-kariga ħlief b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati minħabba kondotta ħażina jew inkapaċita' li jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

(7) Il-membri l-oħra ta' l-Awtorita' jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti mill-awtorita' li tkun innominathom u sakemm jibqgħu uffiċjali pubbliċi jew membri tal-Kamra, kif jeħtieġ il-każ. Membri tal-Kamra jistgħu wkoll jirriżenjaw mill-kariga b'ittra ndirizzata lill-awtorita' li tkun innominathom.

(8) Persuna li ma tibqax membru ta' l-Awtorita' tista', jekk tkun kwalifikata għal hekk, terġa' tiġi nominata; iżda ebda persuna m'għandha, b'kollox, tibqa' membru ta' l-Awtorita' għal iktar minn seba' snin wara xulxin.

(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-Awtorita' u jirregola il-proċeduri tagħha.

**4.** (1) L-Awtorita' tkun enti morali b'personalita' legali distinta u kapaċi, bla ħsara biss għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li tħarrek u tiġi mħarrka, li tidħol f'kull kuntratt, li takkwista, iżżomm u tiddisponi minn proprjeta' ta' kull xorta, sew mobbli kemm immobbli, b'kull titolu u li tagħmel kull ħaġa oħra jew operazzjoni tkun liema tkun. L-Awtorita' tkun enti morali

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-Awtorita' tkun vestita fiċ-*Chairman*:

Iżda l-Awtorita' tista' tinnomina wieħed jew aktar mill-membri tagħha, jew wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati tagħha, biex jidhru f'isimha u f'lokha f'xi proċediment ġudizzjarju jew f'xi att, kuntratt, kitba jew dokument ieħor ikun liema jkun.

(3) Fin-nuqqas taċ-*chairman*, jew jekk iċ-*chairman* ma' jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, sew jekk taħt din jew xi disposizzjonijiet oħra ta' dan l-Att, dawk il-funzjonijiet jiġu moqdija mid-deputat *chairman*.

**5.** (1) L-Awtorita' jkollha bħala funzjonijiet tagħha il-promozzjoni ta' żvilupp tajjeb ta' l-art, sew fis-settur pubbliku kemm f'dak privat, u l-kontroll ta' dak l-iżvilupp skond *policies* u pjanijiet approvati. Funzjonijiet ta' l-Awtorità

(2) Għal dan il-għan, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorita' tkun responsabbli għal -

(a) it-tħejjija u t-tħaris tal-pjanijiet ta' żvilupp, jiġifieri tal-pjan ta' struttura u d-dokumenti supplementari għall-ippjanar, inkluża kull ħaġa oħra anċillari jew inċidentali għalihom jew li twassal għalihom;

(b) it-tmexxija ta' konsultazzjonijiet ma' dipartimenti tal-Gvern, organizzazzjonijiet privati u persuni oħra dwar l-ippjanar.

(3) Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorita' jkollha u tista' teżerċita' l-poteri kollha, jew wieħed jew aktar minnhom, li huma vestiti fiha jew mogħtija lilha b'dan l-Att.

(4) Sakemm iżżomm kontroll u superviżjoni ġenerali, u xort'oħra tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorita' tista' tiddelega waħda jew iżjed mill-funzjonijiet jew poteri tagħha skond dan l-Att taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

(5) L-Awtorita' tista' wkoll teżerċita dawk is-setgħat ta' kontroll fuq l-iżvilupp li jistgħu jiġu delegati lilha minn xi dipartiment jew aġenzija tal-Gvern.

Uffiċjali u impjegati ta' l-Awtorità

**6.** (1) L-Awtorita' għandha tinnomina Direttur ta' l-Ippjanar, li jkun l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni ta' l-Awtorita', u dawk l-uffiċjali u mpjegati l-oħra li l-Awtorita' minn żmien għal żmien tqis li huma meħtieġa għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att. Id-Direttur, jew rappresentant tiegħu, ikollhom il-jedd li jattendu l-laqgħat kollha ta' l-Awtorita' u tal-Kumissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp.

(2) L-Awtorita' għandha wkoll tinnomina wieħed mill-uffiċjali tagħha biex jaġixxi bħala s-segretarju ta' l-Awtorita'.

(3) L-uffiċjali u l-impjegati ta' l-Awtorita' għandhom jiġu nominati taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li l-Awtorita' minn żmien għal żmien tista' tiddetermina wara konsultazzjoni ma' l-uffiċċju tal-Prim Ministru.

(4) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' l-Awtorita' jordna li uffiċjal pubbliku jkun imqabbad għax-xogħol ma' l-Awtorita' f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li jiġi speċifikat fl-ordni; u f'kull każ bħal dan id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda ta' dan l-Att ikollhom effett dwar kull uffiċjal pubbliku li jiġi hekk imqabbad.

(5) L-Awtorita' tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal pubbliku mqabbad għax-xogħol ma' l-Awtorita' taħt dan l-artikolu impjieg permanenti ma' l-Awtorita' b'rimunerazzjoni u taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet speċifikati fl-offerta.

Kap. 93.

(6) Kull uffiċjal pubbliku li jaċċetta impieg permanenti ma' l-Awtorità offert lilu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu, għall-finijiet kollha barra minn dawk ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, jitqies li temm milli jkun fis-servizz tal-Gvern u jidħol fis-servizz ta' l-Awtorità b'seħħ mid-data li fiha aċċetta l-offerta jew dik id-data aktar tard miftiehma bejnu u l-Awtorità; u għall-finijiet ta' l-imsemmija Ordinanza servizz ma' l-Awtorità jitqies servizz mal-Gvern skond it-tifsir li hemm fiha.

Disposizzjonijiet finanzjarji

**7.** (1) L-Awtorita' għandha tiġi ddotata b'kapital inizjali ta' ħames mitt elf lira Maltin li jiġi mħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat, mingħajr approprjazzjoni oħra barra minn dan l-Att, b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru responsabbli għall-finanzi li jawtorizza l-*Accountant General* biex jagħmel il-ħlas.

(2) Wara dan il-ħlas, l-Awtorita' għandha titħallas mill-Fond Konsolidat dawk is-somom li l-Kamra tad-Deputati tapprova.

(3) L-Awtorita' għandha tara li f'kull sena finanzjarja jitlestew, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara l-egħluq ta' dik is-sena tadotta, estimi tad-dħul u ħruġ ta' l-Awtorita' għas-sena finanzjarja ta' wara:

Iżda dwar l-ewwel sena finanzjarja, l-Awtorita' għandha tlesti u tadotta estimi mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(4) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandhom ikollhom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' estimi ta' qabel kif il-Ministru jista' jordna.

(5) Kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorita' għandhom, malli jiġu adottati mill-Awtorita', jitbagħtu minnufih lill-Ministru.

(6) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunita', u mhux aktar tard minn tmien ġimgħat minn mindu jirċievi kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorita', jew, jekk f'xi żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa' f'sessjoni, fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni ta' wara, jara li dawk l-estimi jitqegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova dawk l-estimi. Għandha tingħata ġurnata għad-diskussjoni fil-Kamra ta' dik il-mozzjoni ; u kemm il-mozzjoni kemm l-approvazzjoni ta' estimi mill-Kamra jistgħu jkunu sew b'emendi għall-estimi sew mingħajrhom.

(7) L-Awtorita' ma tista' tidħol għal ebda spiża li ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra tad-Deputati:

Iżda:

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja jew sa l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-sena, l-Awtorita' tista' tidħol għal nefqa biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att li b'kollox ma tkunx akbar minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) nefqa approvata dwar kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista' bl-approvazzjoni tal-Ministru, issir dwar kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(ċ) jekk f'xi sena finanzjarja jinstab li l-ammont approvat mill-Kamra mhux biżżejjed, jew jekk tinqala' l-ħtieġa ta' nefqa għal għan mhux provdut fl-estimi, l-Awtorita' tista' tadotta estimi supplimentari għall-approvazzjoni tal-Kamra u, sakemm tingħata dik l-approvazzjoni, iżda suġġett għall-għoti tagħha, l-Awtorita' tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru, tidħol għall-ispiża relattiva; u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att applikabbli għall-estimi għandhom, sa fejn hu prattikabbli, japplikaw għall-estimi supplimentari:

Iżda wkoll, dwar l-ewwel sena finanzjarja ta' l-Awtorita', dan is-subartikolu għandu japplika bħallikieku n-nefqa totali li l-Awtorita' tista' tidħol għaliha sakemm l-estimi għal dik is-sena jiġu approvati mill-Kamra ma tistax tkun akbar minn nofs l-ammont muri fl-estimi.

(8) L-estimi u l-estimi supplimentari kollha approvati mill-Kamra għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu ppublikati fil-Gazzetta.

Kontijiet u verifika

**8.** (1) L-Awtorita' għandha tara li jinżammu kontijiet xierqa u dokumentazzjoni oħra dwar il-ħidma tagħha u għandha tara li jitlesta prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet ta' l-Awtorita' għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri nominati minnha u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u dokumentazzjoni oħra ta' l-Awtorita' jiġu verifikati jew eżaminati mid-Direttur ta' Verifika li, għal dan il-għan, ikollu s-setgħa li jagħmel dik il-verifika fiżika u verifiki oħra, u li jitlob dik l-informazzjoni li jidhirlu meħtieġa.

(3) Wara l-egħluq ta' kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorita' tintbagħat lill-Ministru taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att, l-Awtorita' għandha tara li kopja tal-prospett ta' kontijiet verifikati kif jixraq jiġu mogħtija lill-Ministru flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dak il-prospett jew dwar il-kontijiet ta' l-Awtorita'.

(4) Il-Ministru għandu jara li titqiegħed quddiem il-Kamra kopja ta' kull prospett u rapport bħal dak flimkien mal-mozzjoni mqegħda quddiem il-Kamra taħt l-artikolu 7 fuq imsemmi.

Rapport Annwali

**9.** (1) L-Awtorita' għandha, mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tagħmel u tibgħat lill-Ministru rapport tal-ħidma tagħha matul dik is-sena, li jkun fih dik l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet u l-proċeduri ta' l-Awtorita' kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ.

(2) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull rapport bħal dan titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fi żmien ġimgħatejn jew jekk f'xi żmien il-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa' f'sessjoni fi żmien ġimgħatejn mill-bidu ta' l-ewwel sessjoni ta' wara.

Kuntratti ta' provvista u xogħolijiet

**10.** Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali, l-Awtorita' m'għandhiex tidħol f'kuntratt għal provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-esekuzzjoni ta' xogħolijiet jew għall-għoti ta' servizzi, lil jew favur l-Awtorita', li huwa stmat mill-Awtorita' li jkun jinvolvi nefqa ta' aktar minn ħamest elef lira, ħlief wara li jiġi ppublikat avviż ta' intenzjoni ta' l-Awtorita' li tidħol f'kuntratt bħal dak u wara li jkunu ħarġu offerti kompetittivi.

Eżenzjoni minn taxxa

**11.** L-Awtorita' tkun eżenti minn kull ħlas ta' taxxa fuq l-*income*, dazju tad-dwana u taxxa fuq dokumenti li tkun minn żmien għal żmien dovuta f'Malta.

## 2. Il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar

**12.** (1) Għandu jkun hemm kumitat li jkun magħruf bħala il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar, magħmul minn dak in-numru ta' persuni li minn żmien għal żmien jiġu nominati mill-Prim Ministru wara li jkun ikkonsulta dawk l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tad-diversi aspetti tal-ħajja f'Malta kif jidhirlu xieraq. Il-Prim Ministru għandu wkoll jinnomina iċ-*chairman* tal-Kumitat. Twaqqif u funzjonijiet ta' Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar

(2) Il-Kumitat ikollu l-funzjoni li jagħti pariri lill-Gvern u lill-Awtorita' fuq kull *policy* jew proposta li tinsab fi pjan ta' żvilupp li fuqha jintalab il-parir tiegħu jew li dwarha l-Kumitat jidhirlu li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Gvern jew ta' l-Awtorita'.

(3) Il-Kumitat għandu jiltaqa' daqs kemm ikun meħtieġ, iżda mhux anqas minn erba' darbiet f'kull sena kalendarja; u bla ħsara għad-disposizzjoni ta' hawn fuq, il-Kumitat jista' jirregola l-proċeduri tiegħu.

(4) L-għajnuna amministrattiva u teknika, kif ukoll il-fondi, meħtieġa mill-Kumitat għandhom jiġu provduti mill-Awtorita' mir-riżorsi tagħha.

## 3. Il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

**13.** (1) Għandu jkun hemm kummissjoni, li tkun magħrufa bħala l-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp, li tkun magħmula minn: Twaqqif u funzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

(a) *chairman* nominat mill-Prim Ministru minn fost il-membri ta' l-Awtorità;

(b) tliet persuni nominati mill-Awtorita' minn fost il-membri tagħha; u

(ċ) tliet persuni oħra nominati mill-Prim Ministru, li minnhom għall-anqas wieħed għandu jkun membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ippjanar.

(2) Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni jkunu dawk il-funzjonijiet ta' l-Awtorita' dwar il-kontroll ta' l-iżvilupp, inkluż dik li jitwettaq il-kontroll, kif l-Awtorita' tista' minn żmien għal żmien tiddelega lill-Kummissjoni u teħtieġha li tagħmel, suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Awtorita' jidhrilha xierqa.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, inkluż kull permess għall-żvilupp maħruġ minnha, għandhom jitqiesu li huma, u għandhom ikollhom l-istess saħħa u effett daqs, deċiżjonijiet ta' l-Awtorita', ħlief dwar materji li l-Awtorita' espressament tirriserva għaliha jew teħtieġ li jiġi riferit lilha għal deċiżjoni; u l-espressjoni "deċiżjoni ta' l-Awtorità", kull fejn tidher f'dan l-Att, għandha tiftiehem hekk.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ikunu jorbtu biss jekk ikunu ttieħdu b'vot favur ta' mhux anqas minn erbgħa mill-membri; u għandhom jiġu ppublikati kemm jista' jkun malajr wara l-laqgħa li fiha jittieħdu.

(5) Il-laqgħat tal-Kummissjoni għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku, iżda l-Kummissjoni jkollha s-saħħa li teskludi kull membru tal-pubbliku jekk jidhrilha li dan hu meħtieġ biex iżżomm l-ordni. Barra minn hekk is-sehem tal-pubbliku f'kull ħaġa li tkun qed tiġi mistħarrġa mill-Kummissjoni jitħalla jsir biss fid-diskrezzjoni tal-kummissjoni u, jekk hi hekk teħtieġ, b'arranġamenti li jsiru qabel.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' hawn fuq, u għar-regoli li jistgħu jiġu preskritti mill-Awtorita', il-Kummissjoni tista' tirregola l-proċeduri tagħha.

(7) Il-persunal tal-Kummissjoni għandu jikkonsisti f'dawk l-uffiċjali u mpjegati ta' l-Awtorita' li jkunu mqabbda biex jaqdu l-Kummissjoni; u l-Awtorita' għandha wkoll tipprovdi lill-Kummissjoni, mir-riżorsi tagħha, dik l-għajnuna li l-Kummissjoni tista' raġonevolment teħtieġ biex taqdi il-funzjonijiet tagħha.

## 4. Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar

Twaqqif u funzjonijiet ta' Bord ta' Appell

**14.** (1) Għandu jkun hemm bord, li jkun magħruf bħala l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, magħmul minn avukat, li jippresjedi, persuna esperta fl- ippjanar u persuna oħra, u kull waħda minnhom tiġi nominata mill-President.

(2) Il-President jista' wkoll jaħtar listi ta' membri, u f'dan il-każ tkun responsabbilta' tas-segretarju tal-Bord li jiddeċiedi kif għandu jkun magħmul il-Bord biex jisma' appell jew iżjed minn appell wieħed, u huwa għandu, sakemm hu possibbli, jiddeċiedi dan fuq bażi ta' rotazzjoni.

(3) Membru tal-Bord ikun skwalifikat milli jisma' appell f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili; u f'kull każ bħal dak il-membri jiġu sostitwiti jew b'persuna oħra maħtura mill-President għal hekk jew magħżula mil-lista xierqa hekk maħtura.

Funzjonijiet u Proċedura tal-Bord ta' Appell

**15.** (1) Il-Bord ta' Appell ikollu ġurisdizzjoni:

(a) li jisma' u jiddeċiedi appelli magħmula minn min iħossu aggravat b'deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull ħaġa ta' kontroll ta' l-iżvilupp, inkluż it-twettiq ta' dak il-kontroll;

(b) li jiddeċiedi kull ħaġa riferita lilu taħt l-artikolu 27 ta' dan l-Att;

(ċ) li jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti pariri lill-Kabinett dwar kull proposta ta' żvilupp minn xi dipartiment jew aġenżija tal-Gvern meta d-dipartiment jew aġenżija tkun ikkontestat id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' dwar dik il-proposta.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu jorbtu jekk jittieħdu bil-vot favur ta' mhux anqas minn tnejn mill-membri. U l-membru li ma jkunx jaqbel, jekk ikun hemm, jista' jagħti opinjoni separata; u d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom jinqraw fil-pubbliku u jiġu ppublikati malajr kemm jista' jkun wara s-seduta li fiha jkunu ttieħdu.

(4) Għandu jingħata avviż minn qabel ta' mhux inqas minn erbatax-il jum ta' kull laqgħa tal-Bord b'dak il-mod li l-Bord jidhirlu xieraq jew kif jiġi preskritt taħt l-artikolu 60 ta' dan l-Att u kull parti nteressata li tkun uriet il-ħsieb li tagħmel sottomissjonijiet għandha tiġi mistiedna li tagħmel hekk.

(5) Is-seduti tal-Bord għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku, iżda l-Bord ikollu s-setgħa li jeskludi kull membru tal-pubbliku jekk jidhirlu li dan hu meħtieġ biex jinżamm l-ordni.

(6) Il-Bord jista' jeħtieġ li dipartiment jew aġenżija tal-Gvern jagħti lill-Bord dik l-informazzjoni jew dak il-parir li l-Bord iqis li hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(7) Il-Bord għandu jkollu segretarjat amministrattiv indipendenti magħmul minn segretarju u dawk l-uffiċjali u mpjegati li jkunu meħtieġa biex il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jinqatgħu malajr u b'mod effiċjenti. Is-Segretarjat jiġi magħżul u mqabbad mill-Bord.

(8) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, il-fondi meħtieġa mill-Bord għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, għandhom jiġu provduti mill-Awtorita'.

(9) Bla ħsara għal dak li hemm hawn fuq u għall-artikolu 37 ta' dan l-Att, appelli lill-Bord u t-tmexxija tal-ħidma tal-Bord għandhom isiru skond dawk ir-regoli li jistgħu jiġu preskritti taħt l-artikolu 60 ta' dan l-Att; u fin-nuqqas ta' regoli bħal dawk dwar kull ħaġa, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu.

(10) Appelli lill-Qorti ta' l-Appell minn deċiżjonijiet tal-Bord kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom isiru mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata minn dik li fiha id-deċiżjoni tkun inqrat fil-pubbliku; u dawn l-appelli għandhom jiġu regolati minn regoli tal-qrati magħmula bis-saħħa tal-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12

### 5. Disposizzjonijiet Komuni

Membri ta' l-Awtorità eċċ jitqiesu uffiċjali pubbliċi Kap. 9

**16.** Għall-għanijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull disposizzjoni ta' natura penali f'kull liġi oħra, il-membri ta' l-Awtorita' u ta' kull kumitat, bord, kummissjoni, jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, u kull uffiċjal u mpjegat tagħhom, għandu jitqies li hu u jiġi trattat bħal li kieku kien uffiċjal pubbliku.

Pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri ta' l-Awtorità eċċ.

**17.** L-ismijiet tal-membri kollha ta' l-Awtorita', u ta' kull kumitat, bord, kummissjoni, jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, kompriżi l-listi li minnhom jiġi kostitwit il-Bord ta' Appell, u kull tibdil f'dawk il-membri, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

# TAQSIMA III
# L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

## 1. Il-Pjan ta' Struttura

Il-Pjan ta' Struttura, il-preparattivi għalih u r-reviżjoni tiegħu

**18.** (1) L-Awtorita' għandha tħejji pjan ta' struttura u għandha mhux aktar tard minn sena minn mindu dan l-Att jibda jseħħ tissottomettih lill-Gvern biex jiġi kkunsidrat u approvat kif provdut fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(2) Il-pjan ta' struttura għandu jkun stqarrija bil-miktub illustrata b'dawk id-disinni u figuri li jkunu meħtieġa u li jkollha magħha memorandum spjegattiv u li jagħti ġustifikazzjoni raġunata għal kull *policy* u proposta li jkun hemm fil-pjan.

(3) L-Awtorita' għandha tgħasses fuq il-pjan ta' struttura u tirrevedih kull kemm ikun meħtieġ, iżda ebda reviżjoni m'għandha jkollha effett anqas spiss minn kull sentejn. Kull reviżjoni għandha ssir u tieħu effett kif provdut fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(4) Għat-tħejjija jew reviżjoni ta' pjan ta' struttura l-Awtorita' għandha tagħmel *surveys* ta' dawk il-ħwejjeġ li għandhom effett fuq il-karattru u l-kwalita' ta' l-ambjent, il-konservazzjoni u żvilupp tiegħu, inklużi, iżda mhux limitati għal:

(a) id-daqs, il-kompożizzjoni u d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni;

(b) l-attivitajiet agrikoli, industrijali, kummerċjali, turistiċi u l-attivitajiet ekonomiċi l-oħra tal-pajjiż kompriżi l-għamla ta' mpjieg li joħorġu minnhom;

(ċ) iż-żmien ħieles u r-rikreazzjoni;

(d) s-servizzi u faċilitajiet soċjali u kommunitarji;

(e) il-komunikazzjonijiet, it-traffiku u t-trasport;

(f) is-servizzi ta' utilita' pubblika;

(ġ) il-konservazzjoni u preservazzjoni ta' riżorsi naturali u xogħol il-bnedmin;

(ħ) dawk il-ħwejjeġ l-oħra kollha li l-Gvern jista' jeħtieġ jew li l-Awtorita' tqis bħala meħtieġa.

(5) Meta tkun qed tħejji jew tirrevedi pjan ta' struttura, l-Awtorita' għandha tqis –

(a) il-politika ekonomika tal-mument li għandha effett fuq l-iżvilupp;

(b) il-politika tal-Gvern dwar il-ħwejjeġ imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu;

(ċ) ir-riżorsi li aktarx ikun hemm biex il-pjan jiġi mwettaq.

(6) Waqt it-tħejjija jew reviżjoni tal-pjan ta' struttura l-Awtorita' għandha tgħarraf lill-pubbliku b'dawk il-materji li bi ħsiebha tqis u għandha tagħti opportunita' xierqa lill-individwi u organizzazzjonijiet biex jagħmlu sottomissjonijiet lill-Awtorita'.

(7) Fit-tħejjija ta' pjan ta' struttura l-Awtorita' tista' tagħmel tagħha jew tadotta kull *survey* jew xogħol ieħor magħmul fit-tħejjija ta' pjan ta' struttura taħt l-Att tal-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) imħassar b'dan l-Att.

Att Nru. X ta' l-1988

Publikazzjoni ta' pjan ta' struttura u reviżjonijiet tiegħu

**19.** (1) Meta l-pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu jitlestew, l-Awtorita' għandha tippublika l-pjan flimkien ma' stqarrija tas-sottomissjonijiet li tkun irċeviet u r-rejazzjoni tagħha għal dawk is-sottomissjonijiet.

(2) L-Awtorita' għandha tistieden li jsirulha sottomissjonijiet dwar il-pjan fi żmien speċifikat ta' mhux anqas minn sitt ġimgħat.

Studju tal-pjan jew reviżjoni tiegħu minn *Panel*

**20.** (1) Il-pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu flimkien mas-sottomissjonijiet li jkunu saru lill-Awtorita' għandhom, kemm jista' jkun malajr wara l-egħluq taż-żmien speċifikat skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 ta' dan l-Att, jiġi apprezzat minn *Assessment Panel* magħmul minn:

*chairman* indipendenti,
membru ta' l-Awtorita' u
membru tal-Bord ta' Appell

nominati għal hekk mill-Prim Ministru.

(2) L-*Assessment Panel* għandu jirrikmanda jekk il-pjan għandhux jiġi approvat, kollu jew f'parti, b'tibdil jew kondizzjonijiet jew mingħajr tibdil jew kondizzjonijiet, jew jekk għandhux jintbagħat lura lill-Awtorita'.

(3) Sabiex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu il-*Panel* jista' jitlob lill-Awtorita', lid-Dipartimenti jew aġenziji tal-Gvern u partijiet oħra nteressati li jagħtuh provi; u jista' wkoll, jekk iqis li xi ħaġa li qed tiġi kkunsidrata hija biżżejjed ta' interess pubbliku, jisma' xi provi minn dawk fuq imsemmija fil-pubbliku.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-*Panel* għandhom jintbagħtu lill-Ministru u għandhom minnufih jiġu pubblikati.

Meta l-pjan jew reviżjoni jiġu mibgħuta lura

**21.** Meta l-pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu jkunu ntbagħtu lura lill-Awtorita', għandha tiġi segwita, safejn hu possibli, l-istess proċedura dwar kull abbozz ieħor imħejji u pubblikat mill-Awtorita', iżda m'għandhomx jintbagħtu lura lill-Awtorita' aktar minn darba.

Kunsiderazzjoni finali u approvazzjoni ta' pjan jew reviżjoni

**22.** (1) Ma' l-egħluq tal-proceduri stabbiliti mid-disposizzjonijiet ta' qabel din, il-pjan ta' struttura, u kull reviżjoni tiegħu, għandhom jiġu kunsidrati mill-Kabinett flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-*Assessment Panel* u s-sottomissjonijiet li jkunu saru dwar il-pjan jew reviżjoni tiegħu.

(2) Wara dan il-Ministru għandu jara li l-pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-*Assessment Panel*, jitqegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni għal riżoluzzjoni li l-pjan ta' struttura jiġi approvat mill-Kamra, b'dawk l-emendi, jekk ikun hemm, li jiġu speċifikati fir-riżoluzzjoni.

(3) Il-pjan ta' struttura u kull reviżjoni tiegħu kif approvati mill-Kamra jibdew isehħu minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata għal hekk mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta; u għall-għanijiet ta' dan l-Att, barra minn dawk relattivi għat-tħejjija, kunsiderazzjoni u sottomissjoni tal-pjan ta' struttura jew ir-reviżjoni tiegħu, l-espressjoni pjan ta' struttura u kull riferenza għar-reviżjoni tiegħu, tfisser il-pjan ta' struttura, u kull reviżjoni tiegħu, kif approvati mill-Kamra tad-Deputati:

Iżda jekk fid-data li fiha jibda jsehh dan l-Att ikun hemm pjan ta' struttura imħejji taħt l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) u approvat mill-Kamra tad-Deputati, dak il-pjan ta' struttura, kif hekk approvat, ikun il-pjan ta' struttura u jiġi trattat bħallikieku kien il-pjan ta' struttura imħejji mill-Awtorita' taħt dan l-Att għall-għanijiet kollha tiegħu u bħal li kieku id-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att relattivi għat-tħejjija, kunsiderazzjoni u sottomissjoni ta' pjan ta' struttura ġew mħarsa.

## 2. Pjanijiet dwar Suġġett, Pjanijiet Lokali u Pjanijiet ta' Azzjoni.

Pjanijiet sussidjarji

**23.** Jekk l-Awtorita' jidhrilha li biex l-iżvilupp jitħaddem sewwa u b'mod effettiv huwa meħtieġ li tħejji proposti aktar fid-dettal milli jistgħu jiġu mdaħħla fi pjan ta' struttura, l-Awtorita' tista tħejji dawk il-pjanijiet sussidjarji, jiġifieri pjanijiet dwar suġġett, pjanijiet lokali u pjanijiet ta' azzjoni, li jidhrilha meħtieġa.

Pjanijiet dwar suġġett

**24.** (1) Pjan dwar suġġett huwa pjan li jittratta dwar *policy* jew materja kompriżi fi pjan ta' struttura iżda jeħtieġu biex jiġu attwati aktar dettalji milli jkun hemm fil-pjan ta' struttura.

(2) Pjan dwar suġġett għandu jkun magħmul minn stqarrija bil-miktub ġustifikata b'dawk il-mapep u dijagrammi li jkunu meqjusa meħtieġa.

(3) Ħlief kif mistqarr xort'oħra fil-pjan, pjan dwar suġġett għandu japplika għal kull qasam rilevanti tal-pjan ta' struttura, sew jekk huwa wkoll qasam kompriż fi pjan lokali jew pjan ta' azzjoni sew jekk le.

Pjan lokali

**25.** (1) Pjan lokali huwa pjan imħejji mill-Awtorita' għal kull żona fejn l-Awtorita' jidhrilha li r-rata ta' żvilupp jew żvilupp mill-ġdid ma' tistax titħaddem adegwatament, jew fejn fatturi speċjali ma jistgħux jitqiesu fuq il-bażi tal-pjan ta' struttura waħdu.

(2) Pjan lokali għandu jkun magħmul minn mappa jew mapep fuq skala adegwata u ġustifikati bi stqarrija bil-miktub u dawk id-dijagrammi li huma meqjusa meħtieġa.

Pjanijiet ta' azzjoni

**26.** (1) Pjan ta' azzjoni jsir mill-Awtorita' għal żona fejn dipartiment jew aġenzija tal-Gvern bi ħsiebha li tagħmel, jew li bi ftehim mal-privat tara li jsir, żvilupp sostanzjali jew fuq art tal-Gvern jew ta' aġenzija tal-Gvern jew fuq art li bi ħsiebhom jakkwistaw sew bi ftehim jew b'mod obbligatorju.

(2) Pjan ta' azzjoni jista' jkun parti minn pjan lokali jew pjan lokali sħiħ.

(3) Barra mill-informazzjoni li għandu jkun hemm fi pjan lokali, pjan ta' azzjoni għandu juri wkoll l-art li hija proprjeta' pubblika u dik li huwa l-ħsieb li ssir proprjeta' pubblika.

Proċeduri għall-pjanijiet sussidjarji

**27.** (1) Fit-tħejjija ta' pjan sussidjarju, l-proċedura stabbilita fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 18 u fl-artikoli 19 u 20 ta' dan l-Att dwar il-pjan ta' struttura għandha tiġi segwita dwar il-pjan sussidjarju suġġett għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Meta xejn fil-pjan sussidjarju ma jestendi l-iskop jew imur kontra s-sustanza tal-pjan ta' struttura, ma jkunx hemm il-ħtieġa li jiġi apprezzat mill-*Assessment Panel* u l-Awtorita' tista' tadotta l-pjan, u l-pjan minnufih isir operattiv, mingħajr sottomissjoni lill-Gvern.

(3) F'kull każ ieħor, il-pjan sussidjarju jew dik il-parti tiegħu li testendi l-iskop ta' jew li tmur kontra l-pjan ta' struttura, għandhom jiġu trattati qieshom kienu reviżjoni tal-pjan ta' struttura u jiġu apprezzati, kunsidrati u approvati bħala tali.

(4) L-Awtorita' tista' tissotometti għal apprezzament dak in-numru ta' pjanijiet, u reviżjonijiet tagħhom, li jidhrilha konvenjenti.

(5) Jekk iqum dubbju dwar liema proċedura għandha tiġi segwita dwar pjan sussidjarju, l-kwistjoni għandha tiġi riferita mill-Ministru lill-Bord ta' Appell u d-deċiżjoni tal-Bord tkun finali:

Iżda ma tistax issir riferenza lill-Bord taħt dan l-artikolu jekk tkun għaddiet sena minn mindu l-pjan ikun ġie adottat mill-Awtorita'.

Reviżjoni ta' pjan sussidjarju

**28.** (1) Kull pjan sussidjarju għandu jiġi rivedut daqs kemm ikun meħtieġ iżda f'ebda każ mhux aktar minn darba kull sentejn jew kif jista' jsir meħtieġ minħabba reviżjoni tal-pjan ta' struttura.

(2) Meta bħala riżultat ta' reviżjoni l-Awtorita' tipproponi li jsir tibdil sinjifikanti fi pjan, jew meta jiġi propost li pjan jiġi ritirat, kull proposta bħal dik għandha tkun suġġetta għall-istess proċeduri ta' pjan ġdid u tiġi trattata hekk. Tibdil żgħir li ma jolqotx is-sustanza ta' pjan jista' jsir mill-Awtorita' skond dawk il-proċeduri li hi stess tista' tistabbilixxi.

Pjanijiet sussidjarji fin-nuqqas ta' pjan ta' struttura

**29.** (1) Jekk f'xi żmien jew għal xi lokalita' ma jkunx iseħħ pjan ta' struttura, jew jekk ma jkunx hemm pjan ta' struttura, l-Awtorita' tista tħejji pjan jew pjanijiet sussidjarji, iżda kull pjan bħal dak għandu

jibda jkun operattiv jekk jiġi mħejji u approvat bl-istess mod ta' pjan ta' struttura jew, jekk ikun hemm pjan ta' struttura fis-seħħ, il-pjan sussidjarju jkun jista' jiġi adottat mill-Awtorita' bħal wieħed li hu kompriż fl-iskop tiegħu u ma jmurx kontrih.

(2) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 63 ta' dan l-Att, fiż-żmien li jkun qed jiġi mħejji u approvat pjan ta' struttura, jew, jekk ikun iseħħ pjan ta' struttura magħmul taħt l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji), waqt li jkunu qed jiġu mħejja u addotati pjanijiet sussidjarji, l-Awtorita' tista' tadotta kull pjan sussidjarju mħejji taħt l-Att fuq imsemmi u li jkun fis-seħħ meta jibda jseħħ dan l-Att; u malli jiġu hekk adottati dawk il-pjanijiet sussidjarji għandhom jiġu trattati bħala pjanijiet ta' l-Awtorita' approvati kif meħtieġ b'dan l-Att.

## TAQSIMA IV
## KONTROLL TA' L-IŻVILUPP

### 1. Htieġa ta' permess biex art tiġi żviluppata.

L-iżvilupp jeħtieġ permess

**30.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, ebda żvilupp ma jista' jsir wara li jibda jseħħ dan l-Att ħlief bil-permess ta' l-Awtorita', f'dan l-Att imsejjaħ permess għal żvilupp.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "żvilupp" tfisser l-egħmil ta' xogħol ta' bini, inġinerija, tħaffir u xogħol ieħor għal kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil f'art, jew fuqha jew 'l fuq minnha jew taħtha, jew kull bidla sostanzjali fl-użu ta' l-art jew bini, minbarra:

(a) xogħol ta' manutenzjoni;

(b) tibdil intern f'bini li ma jolqotx il-konfigurazzjoni u d-dehra ta' barra tal-bini u li jsir skond ir-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 60 ta' dan l-Att;

(ċ) l-użu ta' art għal agrikolutura, trobbija ta' annimali u misġar (inkluż l-afforestament) ħlief meta dak l-użu jkun jikkonsisti f'erezzjoni ta' bini jew jilħaq it-trobbija ntensiva ta' annimali jew frott ta' l-art;

(d) f'każ ta' bini jew art oħra li huma wżati għal skop ta' xi klassi msemmija f'ordni maħruġ mill-Awtorita' taħt dan l-Att, l-użu tagħhom għal kull skop ieħor ta' l-istess klassi.

(3) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu

(a) l-użu ta' bini li jirriżulta f'żieda jew tnaqqis fin-numru ta' unitajiet ta' abitazzjoni li fih il-bini kien użat qabel; jew

(b) id-depożitu ta' żibel jew ta' materjal skartat fuq art; jew

(ċ) l-użu għall-wiri ta' reklami ta' xi parti ta' barra ta' bini li ma jkunx normalment użat għal dak l-iskop,

ifisser tibdil sostanzjali fl-użu ta' dak il-bini jew parti minnu, mingħajr preġudizzju, fil-każ ta' reklami, għal regolamenti magħmula taħt dan l-Att dwar il-kontroll tagħhom.

Ordnijiet dwar l-iżvilupp

**31.** (1) L-Awtorita' tista' tagħmel ordnijiet sabiex tirregola l-iżvilupp, jew kull aspett tiegħu, f'dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu speċifikati fl-ordni, li jkun żvilupp kompriż fl-iskop ta', u li ma jmurx kontra, il-proposti li jinsabu fi pjan ta' struttura.

(2) Ordni dwar l-iżvilupp għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta u għandu jibda jseħħ fil-ġurnata msemmija fih.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal ordni dwar l-iżvilupp kif japplikaw għal pjanijiet sussidjarji.

Talba għal permess għal żvilupp

**32.** (1) Kull min jixtieq jagħmel żvilupp, li ma jkunx żvilupp li għalih permess huwa mogħti f'ordni dwar żvilupp u li jsir skond id-disposizzjonijiet ta' dak l-ordni, għandu japplika lill-Awtorita' għal permess għal żvilupp, b'dak il-mod, f'dik il-forma u mogħtija dik l-informazzjoni li l-Awtorita' tista' tippreskrivi.

(2) Kulħadd jista' wkoll japplika lill-Awtorita' sabiex jiġi deċiż jekk proposta tikkostitwix żvilupp u teħtieġx permess għal żvilupp.

(3) Min japplika għal permess għall-iżvilupp għandu jiċċertifika lill-Awtorita' li huwa s-sid ta' l-art jew li avża lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra reġistrata li l-Awtorita' tkun irċeviet kopja tagħha.

(4) L-Awtorita' għandha, a spejjeż ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jiġu pubblikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviż fuq il-post.

Permessi għal żvilupp

**33.** (1) Biex tiddeċiedi applikazzjoni l-Awtorita' għandha tqis il-pjanijiet ta' żvilupp, is-sottomissjonijiet b'risposta għall-publikazzjoni tal-proposta u kull ħaġa oħra ta' sustanza, kompriżi konsiderazzjonijiet estetiċi, sanitarji u konsiderazzjonijiet oħra.

(2) L-Awtorita' jkollha s-saħħa li tagħti jew li tirrifjuta permess għall-iżvilupp, u fl-għoti tiegħu tista' timponi kull kundizzjoni li jidhrilha xierqa, iżda l-Awtorita' għandha tagħti raġunijiet għar-rifjut jew għall-kundizzjonijiet li timponi.

(3) Permess għall-iżvilupp jista' jingħata għal żmien limitat jew għal dejjem, iżda għandu f'kull każ jispiċċa milli jkun operattiv jekk ma jkunx tħaddem fi żmien tnax-il xahar milli jkun ngħata jew jekk ix-xogħol mibdi bis-saħħa tiegħu ma jkunx tkompla bid-diliġenża xierqa.

(4) Ħlief kif ikun provdut xort'oħra fil-permess, permess għall-iżvilupp ikollu effett favur l-art u favur il-persuni kollha li f'xi żmien ikollhom interess fiha, iżda mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att li jolqtu l-validita' jew is-seħħ tiegħu.

Disposizzjonijiet supplementari dwar permessi għal żvilupp

**34.** (1) F'kull każ li l-Awtorità għandha s-setgħa taħt dan l-Att li tagħti permess biex art tiġi żviluppata l-Awtorità tista' tagħti li jingħata permess biex jinżammu fuq art bini jew xogħolijiet oħra mibnija jew magħmula fuqha, jew biex jitkompla kull użu ta' art, li jkun sar mingħajr permess taħt dan l-Att jew wara li dak il-permess ikun spiċċa milli jkun validu jew operattiv, u riferenzi f'dan l-Att għal permess bħal dak, għandhom jiftehmu skond hekk:

Iżda m'għandux jingħata permess taħt dan is-subartikolu ħlief fuq applikazzjoni għal dak il-permess u jekk min japplika jew il-predeċessur tiegħu fit-titolu ma jkunx:

(a) minnufih li jkun ġie meħtieġ li jagħmel hekk, waqaf milli jkompli xogħol li jkun ġie meħtieġ li jwaqqaf; u

(b) ħallas dawk il-multi u għamel dak il-ħlas ieħor li jkunu dovuti minħabba xi reat kontra dan l-Att.

(2) Permess taħt dan is-subartikolu jista' jingħata hekk li jkollu effett mid-data li fiha l-bini jew ix-xogħolijiet ikunu nbnew jew saru jew l-użu jkun inbeda, jew mid-data li l-permess għall-iżvilupp spiċċa milli jkun validu jew operattiv, skond il-każ.

(3) Permess għall-iżvilupp jista' jispeċifika l-iskopijiet li għalih bini jista' jintuża, u jekk ma jkunx indikat ebda skop, il-permess għandu jitqies li jinkludi permess sabiex il-bini jintuża għall-iskopijiet li għalihom ikun sar.

(4) Meta jingħata permess għall-iżvilupp għal żmien limitat biss, xejn f'dan l-Att m'għandu jiftiehem li jkun meħtieġ li jittieħed permess taħtu sabiex, wara l-egħluq ta' dak iż-żmien, jerġa' jinbeda l-użu ta' l-art għall-iskop li għalih l-art kienet normalment tiġi wżata qabel ma ngħata l-permess, iżda m'għandu jittieħed ebda kont ta' kull użu magħmul bi ksur ta' dan l-Att.

Reġistru ta applikazzjonijiet għal permessi għall-iżvilupp u deċiżjonijiet dwarhom

**35.** L-Awtorita' għandha iżżomm, u tara li jkunu jistgħu jiġu spezzjonati mill-pubbliku f'dak iż-żmien raġonevoli li hi tistabbilixxi, reġistru jew reġistri:

(a) ta' kull applikazzjoni għal permess għall-iżvilupp li tkun saritilha, li jkun fiha l-isem ta' min japplika u dettalji tal-proposta; u

(b) tad-deċiżjonijiet kollha li jkunu ttiehdu dwar dawk l-applikazzjonijiet.

Deċiżjonijiet jittiehdu mingħajr dewmien

**36.** (1) L-Awtorita' għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni mhux aktar tard minn tmien ġimgħat minn mindu tkun irċeviet l-applikazzjoni magħmula kif imiss; u jekk tonqos milli tagħmel hekk għandu jitqies li l-permess ġie rifjutat sakemm min ikun applika ma jkunx ftiehem bil-miktub li jitwal iż-żmien fuq imsemmi, f'liema każ iż-żmien hekk imtawwal għandu, għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, jissostitwixxi ż-żmien ta' tmien ġimgħat.

Att Nru. V ta' l-1991

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta l-Awtorita' tkun, fil-perijodu imsemmi ta' tmien ġimgħat, infurmat lill-applikant li l-applikazzjoni teħtieġ jew titlob valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali, sew taħt l-Att tal-1991 biex Iħares l-Ambjent, jew minħabba xi ħtieġa jew raġuni oħra, l-imsemmi perijodu ta' tmien ġimgħat jibda jgħaddi, għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, mid-data li fiha l-Awtorita' tkun irċeviet dik il-valutazzjoni.

Appelli minn deċiżjonijiet ta' l-Awtorità

**37.** (1) Jekk applikant jidhirlu li kundizzjonijiet imposti fuq permess għall-iżvilupp, jew rifjut ta' permess bħal dak, mhuwiex raġonevoli huwa jista', mingħajr ħsara għad-dritt tiegħu ta' appell, jitlob lill-Awtorita' li tirrikonsidra id-deċiżjoni jew jappella lill-Bord ta' Appell taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att.

(2) Appell taħt dan l-artikolu għandu jsir fi żmien tmienja u għoxrin ġurnata minn mindu d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tkun waslet għand l-applikant jew mid-data li fiha skond l-artikolu 36 ta' dan l-Att jitqies li l-Awtorita' irrifjutat il-permess:

Iżda meta l-Awtorita' tiġi mitluba tikkunsidra mill-ġdid d-deċiżjoni tagħha u t-talba għal hekk issir fi żmien erbatax-il ġurnata minn mindu tkun waslet id-deċiżjoni tagħha, il-perijodu msemmi ta' tmienja u għoxrin ġurnata jibda jgħaddi mid-data li fiha tasal ir-risposta ta' l-Awtorita'; u jekk l-Awtorita' tonqos milli tagħti risposta fi żmien tmienja u għoxrin ġurnata minn mindu tkun irċeviet it-talba hija titqies li tkun ikkonfermat id-deċiżjoni tagħha u iż-żmien għall-appell jibda jgħaddi skond hekk.

Applikazzjoni għall-permess għal żvilupp mill-Gvern u l-Aġenziji tiegħu

**38.** (1) Dipartiment tal-Gvern jew enti morali mwaqqaf b'liġi għandhom ifittxu li jkollhom permess għall-iżvilupp skond dawk ir-regolamenti jew regoli (jekk ikun hemm) li jistgħu jiġu preskritti taħt l-artikolu 60 ta' dan l-Att u kull proposta minn dipartiment jew enti bħal dak għandha tiġi pubblikata u assuġġettata għas-sottomissjonijiet tal-pubbliku bl-istess mod bħal proposta privata għal żvilupp, jew kif jista' jiġi preskritt kif intqal qabel.

(2) Dipartiment tal-Gvern jew enti morali kif intqal qabel m'għandux jiddisponi minn art jew iwiegħed li jiddisponi minn art, għal użu speċifiku jekk dak l-użu ma jkunx ġie approvat mill-Awtorita' jew ma jkunx permess taħt pjan ta' żvilupp jew pjan sussidjarju.

(3) Jekk l-Awtorita' tirrifjuta li tagħti permess jew l-approvazzjoni tagħha jew jekk timponi kundizzjonijiet li min japplika jidhirlu li m'huwiex raġonevoli, il-kwistjoni għandha tiġi l-ewwelnett riferita lill-Kumitat Interdipartimentali dwar l-Ippjanar magħmul minn rappreżentant minn kull dipartiment tal-Gvern jew enti kif intqal qabel li l-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien jiddikjara li hu dipartiment jew enti morali rilevanti għall-ippjanar, u jekk il-kwistjoni tiġi maqtugħa mill-imsemmi kumitat bi ftehim ma' l-Awtorita', l-Awtorita' għandha timxi skond dak il-ftehim.

(4) Jekk ma jintlaħaqx ftehim kif intqal qabel, il-Kumitat għandu jħejji rapport fuq il-kwistjoni, u l-kwistjoni flimkien mar-rapport tal-Kumitat u l-veduti ta' l-Awtorita' għandhom jiġu kunsidrati mill-Bord ta' Appell. Ir-rapport tal-Kumitat, il-veduti ta' l-Awtorita' u ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Appell għandhom jitqegħdu quddiem il-Kabinett; id-deċiżjoni tal-Kabinett tkun finali, u l-Awtorita' għandha timxi skond dik id-deċiżjoni.

Applikazzjoni għat-tħaffir ta' minerali

**39.** (1) Meta applikazzjoni biex tiġi żviluppata art tikkonsisti fi tħaffir għal minerali l-Awtorita' tista', u, fejn il-livell ta' l-ippjanar u l-ambjent hekk jeħtieġ, għandha, teħtieġ li min japplika jippreżenta skema għat-trattament taż-żona fejn irid isir ix-xogħol u ż-żona ta' madwarha, waqt il-perijodu tax-xogħol u għat-trattament ta' l-istess żoni meta x-xogħol jitlesta.

(2) L-Awtorita' m'għandiex tagħti permess għat-tħaffir għal minerali jekk ma tkunx soddisfatta li l-livelli ta' l-ippjanar u ambjent jiġu milħuqa u li s-sit jinżamm u eventwalment jitħalla fi stat aċċettabbli.

(3) Meta l-Awtorita' tkun ħtieġet li tiġi sottomessa skema kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-iskema, kif aċċettata mill-Awtorita', għandha wkoll teħtieġ li jingħataw minn min japplika dawk il-garanziji li tqis meħtieġa biex tassigura li l-iskema tiġi osservata.

## 2. Revoka u tibdil ta' permess biex art tiġi żviluppata.

Revoka u tibdil ta' permess għall-iżvilupp

**40.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorita' tista', meta tqis il-pjanijiet ta' żvilupp u kunsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, b'ordni tirrevoka jew tibdel kull permess biex tiġi żviluppata art mogħtija taħt dan l-Att (inkluż permess mogħti b'ordni dwar l-iżvilupp), jew tirrevoka jew tibdel permess bħal dak sa fejn jidhrilha li huwa espedjenti meta tqis il-ħwejjeġ imsemmija hawn fuq, billi tagħti fl-ordni r-raġunijiet li mħabba fihom tkun għamlet hekk.

(2) Meta permess biex art tiġi żviluppata jiġi revokat jew mibdul b'ordni magħmul taħt dan l-artikolu, allura:

(a) kull demolizzjoni jew xogħol ieħor li jkun meħtieġ biex l-ordni jiġi osservat għandu jsir minn u a spejjeż ta' l-Awtorita';

(b) jekk issir talba lill-Awtorita' fi żmiem tnax-il xahar mill-ordni u jiġi pruvat li persuna interessata fl-art tkun daħlet fi spejjeż li jsiru inutli minħabba r-revoka jew it-tibdil, jew tkun sofriet telf jew ħsara li jkunu direttament attribwibbli għar-revoka jew tibdil, l-Awtorita' għandha, bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, tħallas lil dik il-persuna kumpens għal dik l-ispiża, telf jew ħsara.

(3) Ebda kumpens ma jkun dovut taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu –

(a) għal telf jew ħsara li jikkonsistu fid-deprezzament tal-valur ta' kull interess fl-art minħabba r-revoka jew it-tibdil;

(b) għal xogħol li jkun sar qabel l-għoti tal-permess revokat jew mibdul, jew għal telf jew ħsara li jkunu ġejjin minn kull ħaġa magħmula, jew li wieħed ikun naqas li jagħmel, qabel l-għoti ta' dak il-permess.

(4) Meta kumpens ikun dovut taħt dan l-artikolu għal spiża għal xogħol li jkun sar fuq art, jekk l-awtorita' kompetenti takkwista xi interess f'dik l-art, kull kumpens dovut għal dak l-akkwist għandu jitnaqqas b'ammont ugwali għall-valur tax-xogħolijiet li għalihom ikun dovut kumpens taħt dan l-artikolu.

### 3. Ħlasijiet u Kontribuzzjonijiet dwar l-iżvilupp

**41.** (1) L-Awtorità jkollha s-setgħa li tiġbor ħlasijiet għal kull permess biex isir żvilupp, kompriża kull applikazzjoni għal hekk, skond skeda ta' ħlasijiet stabbilita minnha, bil-kunsens tal-Ministru u tal-Ministru responsabbli għal finanzi, wara li tqis in-natura ta' l-iżvilupp, iż-żmien li fih jista' jsir l-iżvilupp relattivament għal fażi ppjanata tiegħu, il-kundizzjonijiet li taħtu joħroġ il-permess u konsiderazzjonijiet oħra rilevanti. Ħlasijiet u kontribuzzjonijiet

(2) Ħlas dovut taħt dan l-artikolu għandu jkun magħruf bħala Dritt għal Permess ta' Żvilupp.

Kontribuzzjonijiet għall-infrastruttura

**42.** (1) L-Awtorita' jkollha s-setgħa li tiġbor kontribuzzjoni għall-ispejjeż biex jingħataw is-servizzi ta' infrastruttura kif ukoll servizzi jew faċilitajiet oħra li jkunu meħtieġa minħabba l-permess biex l-art tiġi żviluppata minn kull persuna li tapplika għal permess bħal dak jew li tagħmel dak l-iżvilupp, skond dawk ir-rati li l-Awtorita' , bil-kunsens tal-Ministru u tal-Ministru responsabbli għal finanzi, tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi, wara li tqis is-servizzi meħtieġa, iż-żoni ta' żvilupp u konsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza.

(2) Kontribuzzjoni dovuta taħt dan l-artikolu għandha tkun magħrufa bħala Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura.

(3) Il-flus miġbura mill-Awtorita' taħt dan l-artikolu għandhom jitħallsu lill-Gvern kull sena wara li titnaqqas minnhom somma biex jitħallsu l-ispejjeż raġonevoli li jkunu saru biex il-kontribuzzjoni tiġi stabbilita u miġbura.

L-iżvilupp jibda wara l-ħlas tad-dritt u kontribuzzjoni

**43.** Ebda permess għall-iżvilupp m'għandu jingħata, u ebda żvilupp awtorizzat b'ordni dwar l-iżvilupp m'għandu jsir, jekk u sakemm ma jkunux tħallsu id-drittijiet u kontribuzzjonijiet dovuti skond l-artikoli 41 u 42 ta' dan l-Att u l-Awtorita' ma tkunx irċevietħom; u kull xogħolijiet li jsiru mingħajr ma jkun sar u riċevut dak il-ħlas għandu jitqies bħala żvilupp magħmul mingħajr il-permess ta' l-Awtorita'.

Pubblikazzjoni ta' ħlasijiet u kontribuzzjonijiet

**44.** (1) L-iskeda ta' ħlasijiet u r-rati ta' kontribuzzjoni stabbilita skond l-artikoli 41 u 42 ta' dan l-Att, kif minn żmien għal żmien fis-seħħ, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta u jkollhom effett kif pubblikati.

(2) Il-ħlasijiet u kontribuzzjonijiet miġbura taħt l-artikoli fuq imsemmija għandhom flimkien ikunu magħrufa bħala t-"taxxa dwar bini".

## 4. Setgħat oħra dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp

Ordni biex jieqaf jew jitneħħa xogħol eċċ.

**45.** (1) L-Awtorita' tista', meta tqis il-pjanijiet ta' żvilupp u konsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, b'avviż notifikat lis-sid ta' xi art jew lil min jokkupa dik l-art, jeħtieġ li xi użu jew attivita' jew xogħolijiet jieqfu jew li xi bini, impjant, attrezzi jew ħaġa oħra hi x'inhi tiġi mneħħija minn art, jew jeħtieġ sew dak it-twaqqif kemm dik it-tneħħija.

(2) Meta ordni għat-twaqqif jew tneħħija isir dwar ħidma, xogħolijiet jew użu, jew bini, impjant, attrezzi jew ħaġa oħra li tkun qed issir jew li tkun teżisti skond il-liġi fuq l-art imsemmija fl-avviż qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jew li jkun inbeda jew beda jeżisti wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att skond permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, l-Awtorita' jkollha l-obbligu li tħallas kumpens għal kull telf li persuna ssofri minħabba l-avviż:

Iżda kull benefiċċju li joħroġ mill-istess avviż għandu jiġi mnaqqas mit-telf fuq imsemmi.

Proprjeta' skedata u ordni għal konservazzjoni

**46.** (1) L-Awtorita' għandha tħejji, u minn żmien għal żmien tirrevedi, lista ta' żoni, bini, strutturi u fdal b'importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, storika, ta' qdumija jew artistika, kif ukoll żoni ta' sbuħija naturali jew ta' valur ekoloġiku jew xjentifiku (hawn wara imsejħa "proprjeta' skedata") li għandhom jiġu skedati għal konservazzjoni u tista' dwar il-proprjeta' skedata kollha, jew waħda jew aktar minnha, tagħmel ordni għal preservazzjoni biex tirregola l-konservazzjoni tagħhom.

(2) Il-lista tal-proprjeta' skedata, u kull żieda magħha jew bidla fiha, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta. L-Awtorita' għandha wkoll tavża lil wieħed mis-sidien magħrufa ta' xi proprjeta' skedata bil-fatt li hija nkluża fil-lista u b'kull ordni għal konservazzjoni magħmula dwarha.

(3) Ix-xogħolijiet fi proprjetà skedata, u d-demolizzjoni, tibdil u estensjoni tagħha, huma projbiti jew ristretti kif provdut f'dan l-artikolu jew f'ordni ta' konservazzjoni.

(4) Ebda xogħol ta' kull xorta m'għandu jsir f'proprjeta' skedata jew fuqha u ebda proprjeta' skedata m'għandha tiġi demolita, mibdula jew imkabbra ħlief bil-permess ta' l-Awtorita' mogħti fuq applikazzjoni li ssirilha u li jkun fiha dawk id-dettalji li l-Awtorita' teħtieġ, jew skond id-disposizzjonijiet ta' ordni għal konservazzjoni; u għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lil u distruzzjoni ta' kull parti ta' proprjeta' skedata għandha titqies bħala demolizzjoni tagħha.

(5) Permess ta' l-Awtorita' u ordni għal konservazzjoni mogħti jew magħmul taħt dan l-artikolu jista' jkun fihom dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet oħra li l-Awtorita' jidhrilha meħtieġa jew espedjenti; u ordni għal konservazzjoni jista' jirregola kull ħaġa li tolqot proprjeta' skedata.

(6) Dwar kull proprjeta' skedata l-Awtorita' jkollha wkoll is-setgħa li teħtieġ b'avviż bil-miktub li s-sid jagħmel dawk ix-xogħolijiet, imsemmijin b'mod ġenerali jew kif speċifikati fl-avviż, li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar deterjorament. Jekk jonqos, l-Awtorita' tista' tagħti lis-sid avviż ieħor biex jagħmel u jispiċċa x-xogħolijiet fi żmien speċifikat, u jekk is-sid ikompli jonqos l-Awtorita' tista' tagħmel hi x-xogħol meħtieġ jew tqabbad lil min jagħmlu, u tirkupra l-ispejjeż ta' dak ix-xogħol mingħand is-sid tal-proprjeta' skedata.

(7) Jekk proprjeta' skedata tiġi demolita bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li tinstab ħatja ta' dak

ir-reat ikollha l-obbligu, b'żieda għal kull penali jew effett ieħor taħt dan l-Att, li tħallas kumpens lill-Awtorita' kalkulata fuq il-bażi ta' l-ogħla minn fost li ġej:

(a) il-valur tal-ħaġa distrutta;

(b) l-ispejjeż biex tiġi restawrata jew imsewwija;

(ċ) il-vantaġġ finanzjarju li jista' jittieħed bħala konsegwenza tad-demolizzjoni.

Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni

**47.** (1) Jekk proprjeta' li mhix skedata iżda li l-Awtorita' temmen li jista' jkollha mportanza jew valur kif deskritt fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att biżżejjed biex tiġi inkluża fil-lista, hija f'periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta, l-Awtorita' tista' tagħmel ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni u tieħu dawk il-passi l-oħra biex tipproteġġi dik il-proprjeta' li jidhrilha meħtieġa.

(2) Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta u jkollu effett malli jiġi hekk pubblikat.

(3) Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni għandu, għal żmien sitt xhur minn mindu jiġi pubblikat fil-Gazzetta, ikollu l-istess effett daqs l-inklużjoni tal-proprjeta' li għaliha tirreferi fil-lista ta' proprjeta' skedata. L-effett tagħha jispiċċa ma' l-egħluq taż-żmien fuq imsemmi.

Siġar protetti u Ordni għall-preservazzjoni ta' siġar

**48.** (1) L-Awtorita' għandha tħejji, u minn żmien għal żmien tirrivedi, lista ta' siġar individwali, gruppi ta' siġar u masġar (hawn wara imsemmija "siġar skedati") li jidhrilha li għandha tipproteġġi, u tista' dwarhom kollha, jew dwar waħda jew aktar minnhom, tagħmel ordni għall-preservazzjoni ta' siġar biex tirregola dik il-protezzjoni.

(2) Il-lista ta' siġar skedati, u kull żieda magħha jew tibdil fiha, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta. L-Awtorita' għandha wkoll tavża lil wieħed mis-sidien ta' xi siġra skedata bil-fatt li hi nkluża fil-lista u b'kull ordni għall-preservazzjoni ta' siġar magħmula dwarha.

(3) Ebda siġra skedata m'għandha tiġi maqtugħa jew miżbura jew volontarjament danneġġata jew distrutta ħlief bil-permess ta' l-Awtorita' fuq applikazzjoni li ssirilha jew kif jista' jiġi permess f'ordni għall-preservazzjoni ta' siġar.

(4) Permess ta' l-Awtorita' u ordni għall-preservazzjoni ta' siġar mogħti jew magħmul taħt dan l-artikolu jista' jkun fih dawk il-kundizzjonijiet u disposizzjonijiet oħra li l-Awtorita' jidhrilha meħtieġa jew espedjenti; u ordni għall-preservazzjoni ta' siġar jista' jirregola kull ħaġa li tolqot siġar skedati.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 47 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal siġar skedati bħallikieku riferenzi fihom għal proprjeta' skedata kienu sostitwiti b'riferenzi għal siġar skedati.

Reklami

**49.** (1) L-Awtorita' tista' tagħmel ordnijiet biex jiġu limitati jew regolati r-reklami, li jkunu magħrufa bħala ordnijiet dwar reklami u li, bla

ħsara għall-ġeneralita' ta' dak li ntqal, jistgħu jipprovdu –

(a) biex jiġu regolati d-daqs, id-dehra u l-pożizzjoni tar-reklami, tas-siti li fuqhom reklami jistgħu jiġu murija u l-mod kif għandhom jiġu mwaħħla fuq art;

(b) biex jiġi meħtieġ li jinkiseb il-kunsens ta' l-Awtorita' għal wiri ta' reklami ta' kull klassi jew klassijiet speċifikati fl-ordni;

(ċ) biex jiġu regolati l-mod kif il-kunsens fuq imsemmi jista' jinkiseb, sew billi jiġu applikati d-dispo-sizzjonijiet ta' dan l-Att dwar permessi biex tiġi żviluppata art sew xort'oħra;

(d) biex l-Awtorita' tkun tista' teħtieġ li jitneħħa kull reklam li jkun qed jiġi muri bi ksur ta' xi ordni magħmul taħt dan l-artikolu, jew xort'oħra kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li jieqaf l-użu għal wiri ta' reklami ta' xi sit li jkun qed jintuża għal dak l-għan bi ksur ta' xi ordni jew disposizzjoni kif intqal qabel, u biex jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar twettieq, suġġett għal dawk l-adattamenti u tibdil li jiġu speċifikati fl-ordni, jew xort'oħra jiġi provdut għat-twettiq ta' l-ordni u ta' kull avviż maħruġ taħtu;

(e) biex jiġu eżentati mill-ħtiġijiet ta' l-ordni, jew xi disposizzjoni tiegħu, il-wiri ta' reklami jew l-użu ta' siti għal dak il-wiri, ta' xi klassi jew klassijiet speċifikati fl-ordni, jew biex il-wiri jew l-użu fuq imsemmija jitkompla għal żmien jew żminijiet speċifikati fl-ordni;

(f) biex jiġi ordnat li xi liġi li tolqot il-wiri ta' reklami li tkun fis-seħħ m'għandhiex tapplika għal wiri ta' reklami f'xi żona li għaliha jkun japplika ordni magħmul taħt dan l-artikolu;

(ġ) biex jiġu preskritti dawk il-ħwejjeġ li għandhom jew jistgħu jiġu preskritti.

(2) Ordni dwar reklami jista' jsir biex japplika għal reklami li jkunu qed jiġu murija fid-data li l-ordni jibda jseħħ, jew għal siti użati għal wiri ta' reklami f'dik id-data:

Iżda jekk persuna milquta ħażin bl-applikazzjoni ta' l-ordni tagħmel talba lill-Awtorita' fi żmien tnax-il xahar mid-data li fiha tiġi hekk milquta u b'dak il-mod li jiġi preskritt mill-Awtorita', ikollha d-dritt li tirċievi mingħand l-Awtorita' kumpens dwar l-ispejjeż li tkun raġonevolment daħlet għalihom biex tobdi l-ordni u għal dak il-valur tar-reklam li jkun baqa'.

(3) Meta l-wiri ta' reklami jinvolvi żvilupp ta' art skond it-tifsir ta' dan l-Att, għandu jitqies għall-għanijiet ta' dan l-Att li ngħata permess għal dak l-iżvilupp jekk il-wiri jsir skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi ordni magħmul taħtu.

(4) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, iżda bla ħsara għall-ġeneralita' u t-tifsir normali ta' l-espressjoni, persuna titqies li turi rekalm jekk –

(a) ir-reklam ikun muri fuq art li tagħha hija s-sid jew il-persuna li tokkupa dik l-art; jew

(b) ir-reklam jagħti pubbliċita' lill-ħwejjeġ, sengħa, negozju jew interess ieħor tagħha, ħlief jekk hija tipprova li r-reklam ġie muri mingħajr ma kienet taf jew mingħajr il-kunsens tagħha u turi wkoll li hija ħadet il-passi kollha raġonevoli biex twaqqaf dak il-wiri malli saret taf bih.

Ħsara lill-ġmiel jew siwi

**50.** Jekk l-Awtorita' jidhrilha li l-ġmiel jew siwi ta' xi żona huwa mħassar bid-dehra jew kundizzjoni ta' xi art, li tkun ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ, l-Awtorita' tista' tinnotifika lis-sid ta' l-art jew lil min ikun jokkupaha avviż li fih ikun meħtieġ li jittieħdu dawk il-passi biex titnaqqas il-ħsara li tiġi speċifikata fl-ordni.

# TAQSIMA V
# TWETTIQ TAL-KONTROLL

Tgħassis fuq l-iżvilupp

**51.** (1) L-Awtorita' għandha tgħasses fuq kull operazzjoni ta' żvilupp biex isir biss skond il-ħtiġijiet ta' dan l-Att u b'osservanza tad-deċiżjonijiet meħuda legalment taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorita' għandha wkoll tirrivedi l-iżvilupp kollu li sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr ma ġew osservati l-pjanijiet jew il-*policies* fis-seħħ fiż-żmien li l-iżvilupp ikun sar; u dwar kull żvilupp bħal dan l-Awtorita' jkollha s-setgħat kollha li għandha dwar żvilupp li jsir wara li jibda jseħħ dan l-Att biex tiżgura li l-pjanijiet u politika msemmija qabel jiġu mwettqa jew, jekk dan ma jistax raġonevolment isir, biex tirregolarizza kull żvilupp bħal dak safejn l-Awtorita' tqis li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Proċedura ta' twettiq

**52.** (1) Jekk l-Awtorita' jidhrilha li xi żvilupp ta' art qed isir mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ għal hekk skond dan l-Att, jew li xi kundizzjoni li għaliha l-permess mogħti għall-iżvilupp ikun suġġett ma tkunx qed tiġi mħarsa, l-Awtorita' għandha tinnotifika avviż lis-sid ta' l-art li jeħtieġ li x-xogħol jieqaf minnufih.

(2) Kopja ta' avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tiġi notifikata wkoll lil kull kuntrattur tal-bini u lill-ħaddiema fuq is-sit u kopja oħra għandha titwaħħal f'post prominenti fid-dħul għas-sit.

(3) Jekk l-Awtorita' jidhrilha li xi żvilupp ta' art ikun sar wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ għal hekk skond dan l-att, jew li xi kundizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti dwar xi żvilupp kien suġġett ma ġewx imħarsa, l-Awtorita' tista', meta tqis id-disposizzjonijiet tal-pjanijiet ta' żvilupp u konsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, tinnotifika lis-sid ta' l-art u lil min jokkupaha avviż li jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet qabel ma sar l-iżvilupp jew biex jiġi żgurat il-ħarsien tal-kundizzjonijiet imsemmija qabel skond il-każ; iżda bla preġudizzju għall-ġeneralita' ta' dak li ntqal qabel kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija, jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħolijiet, it-twaqqif ta' kull użu ta' l-art, jew li jsiru fuq l-art kull operazzjoni ta' bini jew operazzjonijiet oħra.

(4) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, avviż mogħti taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu (f'dan l-Att imsejjaħ ukoll "avviż ta' twettiq") għandu –

(a) dwar kull ħtieġa li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħolijiet jew żvilupp, tieħu effett minnufih li l-avviż jiġi notifikat;

(b) dwar kull ħtieġa oħra, jieħu effett ma' l-egħluq ta' dak iż-żmien (li ma jkunx anqas minn ħmistax-il ġurnata min- notifika tiegħu) li jiġi speċifikat fl-avviż.

(5) Meta fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu issir applikazzjoni lill-Awtorita' taħt dan l-Att -

(a) biex jinżammu fuq l-art xi bini jew xogħolijiet li għalihom avviż ta' twettiq ikun jirreferi, jew

(b) biex jitkompla l-użu ta' l-art li għalih l-avviż ta' twettiq ikun jirreferi,

l-avviż għandu, dwar kull ħtieġa minbarra dik li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħolijiet jew żvilupp, jieqaf milli jkun operattiv sakemm l-applikazzjoni tiġi maqtugħa b'mod finali, u jekk il-permess li għalih tkun saret l-applikazzjoni jingħata u jsir operattiv, l-avviż ta' twettiq ma jkollux aktar effett:

Iżda kull applikazzjoni bħal dik fuq imsemmija għandha tiġi rifjutata minnufih jekk xi ħtieġa fl-avviż li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħolijiet jew żvilupp ma tkunx ġiet imħarsa jew jekk xi multa jew ħlas ieħor dovut minn xi persuna taħt dan l-Att dwar l-art rilevanti ma jkunux tħallsu.

(6) Kull persuna li tħossha aggravata b'avviż għat-twettiq notifikat lilha tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' l-avviż, tappella kontra tiegħu lill-Bord ta' l-Appell, u dwar kull appell bħal dak il-Bord –

(a) jekk ikun sodisfatt li permess ikun ingħata taħt dan l-Att għall-iżvilupp li għalih l-avviż ta' twettiq jirreferi, jew li ma kien meħtieġ ebda permess għalih, skond il-każ, u li l-kundizzjonijiet li għalihom

il-permess kien suġġett ġew imħarsa, għandu jħassar l-avviż ta' twettiq li dwaru jkun sar l-appell jew dik il-parti tiegħu li dwarha l-Bord ikun sodisfatt kif intqal qabel;

(b) f'kull każ ieħor għandu jiċħad l-appell.

(7) Meta l-appell ma jiġix milqugħ l-Bord ta' Appell jista' dwar kull ħtieġa, barra minn ħtieġa li twaqqaf jew tipprojbixxi kull xogħolijiet jew żvilupp, jordna li l-avviż ma jibdiex iseħħ qabel dik id-data, li ma tkunx aktar kmieni minn ħmistax-il ġurnata mill-qtugħ ta' l-appell, kif il-Bord jidhirlu xieraq.

Il-Proċedura tat-twettiq tapplika għal proprjetà skedata ecc.

**53.** Jekk l-Awtorita' jidhrilha li xi ħaġa li hi projbita, limitata jew suġġetta għal kundizzjoni skond jew taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46, 48 jew 49 ta' dan l-Att tkun qed issir jew tiġi magħmula, jew li tkun saret jew ġiet magħmula, bi ksur ta' xi projbizzjoni, limitazzjoni jew kundizzjoni bħal dik, jew mingħajr permess jew ħtieġa oħra, jew mingħajr ma tkun ġiet imħarsa xi kundizzjoni, imsemmija f'dawk l-artikoli jew f'xi ordnijiet magħmula taħthom, l-Awtorita' għandha tinnotifika lis-sid ta' l-art in kwistjoni jew lil min jokkupaha, jew lil kull persuna oħra li fil-fehma ta' l-Awtorita' għandha tiġi notifikata, jew lil wieħed jew iżjed minn dawk il-persuni, avviż li jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jkunu speċifikati fl-avviż, inklużi it-twaqqif ta' kull ħaġa li tkun qed issir jew tiġi magħmula, u f'dak iż-żmien li jiġi ukoll speċifikat fl-avviż.

Avviżi oħra ta' twettiq

**54.** Avviż mogħti taħt l-artikoli 50 u 53 ta' dan l-Att huwa magħruf ukoll f'dan l-Att bħala "avviż ta' twettiq" u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra u suġġett għal dak it-tibdil jew adattament li jkunu meħtieġa biex jagħtu effett sħiħ għal dawk l-artikoli, kull fejn f'dan l-Att tidher dik l-espressjoni hija għandha tinkludi avviż mogħti taħt dawk l-artikoli.

Disposizzjonijiet supplementari dwar it-twettiq

**55.** (1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat fl-avviż, jew minnufih jekk hekk meħtieġ, l-Awtorita' tista' tidħol fuq l-art u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif fuq imsemmijin u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-forzi tal-pulizija li għal dan il-għan jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat li għandhom biex jipprevjenu r-reati u biex iwettqu l-liġi u jżommu l-ordni.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat jew ordni ieħor m'għandu jinħareġ jew jingħata minn ebda qorti li jżomm l-Awtorita' milli teżerċita' xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu ħlief bis-saħħa ta' deċiżjoni ta' qorti kompetenti li l-avviż ta' twettiq li bis-saħħa tiegħu l-Awtorita' tkun imxiet jew bi ħsiebha timxi huwa null jew li l-Awtorita' aġixxiet mhux skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att.

(3) L-ispejjeż kollha li tkun daħlet għalihom l-Awtorita' biex teżegwixxi avviż ta' twettiq taħt dan l-artikolu jkunu jistgħu jiġu rkuprati minnha mill-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, bla ħsara għall-jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

# TAQSIMA VI
# REATI DWAR ŻVILUPP U PIENI

**56.** (1) Kull min – Reati

(a) jagħmel xi żvilupp fuq xi art jew iħalli li jsir xi żvilupp fuq art li tagħha huwa s-sid mingħajr permess għall-iżvilupp kif ikun iseħħ meta jsir l-iżvilupp, jew, jekk l-iżvilupp isir b'permess għall-iżvilupp, jonqos milli jħares jew li jara li tiġi mħarsa xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha l-permess huwa suġġett; jew

(b) jimxi bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 jew 48 ta' dan l-Att dwar bini skedat jew siġra skedata, jew ta' xi ordni dwar reklami magħmul taħt l-artikolu 49 ta' dan l-Att; jew

(ċ) wara li jkun ġie notifikat b'avviż ta' twettiq jew avviż ieħor taħt l-artikolu 45, 50, 52 jew 53 ta' dan l-Att, jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih; jew

(d) iżomm, jostakola jew xort'oħra jfixkel, jew jipprova jżomm, jostakola jew ifixkel, xi uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità, jew ta' uffiċjal tal-pulizija, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt il-liġi, jew jonqos milli jagħmel dak li raġonevolment jiġi mitlub li jagħmel minn uffiċjal, impjegat jew uffiċjal tal-pulizija kif intqal jew li jgħinhom fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, jew li xjentement jagħti lil dawk l-uffiċjali jew impjegati informazzjoni falza jew jonqos jew jirrifjuta li jagħti xi informazzjoni meħtieġa għall-għanijiet fuq imsemmija; jew

(e) jagħmel dikjarazzjoni għal xi għan ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett importanti,

ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u għandu jekk jinsab ħati jeħel multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux aktar minn ħamsin elf lira, u dwar reat taħt il-paragrafu (d) ta' dan l-artikolu jew, f'każ ta' reat taħt il-paragrafu (ċ) ta' dan l-artikolu, jekk ir-reat ikompli għal aktar minn tliet xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att, il-multa minima li min jikkometti reat jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun iżgħar mill-valur tax-xogħolijiet li jkunu saru mingħajr permess jew bi ksur tal-kundizzjonijiet li għalih dak il-permess kien suġġett.

(2) Il-Qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandha tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawżi tar-reat u li jreġġa' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess

jew li jħares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess, skond il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ iżjed minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin u mhux iżjed minn ħamsin lira, kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

(3) Proċedimenti kontra kull persuna għal xi reat imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, bħala qrati ta' ġudikatura kriminali skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali:

Kap. 9.

Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 376 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni jew ta' l-akkużat, tniżżel ix-xiehda mogħtija mix-xhieda bil-mod provdut jew fl-artikolu 390 (6) tal-imsemmi Kodiċi jew f'xi liġi oħra li tkun isseħħ f'dak iż-żmien.

Kopji ċertifikati ta' ċerti dokumenti

**57.** F'kull proċediment jew prosekuzzjoni taħt dan l-Att, kopja ta' kull ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor li juri li sar taħt dan l-Att u li ġie ffirmat miċ-*Chairman* ta' l-Awtorita' jew mid-Direttur ta' l-Ippjanar, għandu jiġi aċċettat bħala prova ta' l-ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor, u tal-fatti li jidhru fih, mingħajr prova oħra.

Proċedura speċjali

**58.** (1) Minkejja kull liġi oħra li tipprovdi għal proċedimenti u pieni dwar reati, meta l-Awtorità temmen li persuna kkommettiet reat kontra dan l-Att, barra minn reat taħt il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 56 ta' dan l-Att, l-Awtorità tista' tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li tiegħu dik il-persuna hija akkużata u tindika l-passi li trid tieħu biex tirrimedja għar-reat u l-multa li hi għandha tħallas għal dak ir-reat:

Iżda l-Awtorita' ma tistax teħtieġ il-ħlas ta' multa ta' aktar minn elf lira.

(2) Meta jkun ingħata avviż skond dan l-artikolu, il-persuna msemmija fl-avviż tista', fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn notifika ta' l-avviż, taċċetta responsabbilità għar-reat speċifikat fl-avviż u f'dak iż-żmien, jew fiż-żmien ulterjuri li l-Awtorità tista' tippermetti, tirrimedja għar-reat u tħallas, jew tintrabat bil-miktub li tħallas, il-multa indikata fl-avviż jew dik il-multa li l-Awtorità tista' taċċetta minflokha, u f'kull każ bħal dan -

(a) il-persuna msemmija fl-avviż titqies li tkun għamlet ir-reat u li ammettiet il-ħtija tagħha dwaru, u l-multa mħallsa, jew li tkun intrabtet li tħallas, għandha tkun il-multa li tkun weħlet li tħallas;

(b) jekk ir-reat jiġi rimedjat u l-multa titħallas fiż-żmien, jew fiż-żmien ulterjuri, imsemmi qabel, ebda proċedimenti oħra ma jkunu jistgħu jittieħdu kontra dik il-persuna dwar l-istess fatti;

(ċ) jekk il-multa ma titħallasx fiż-żmien, jew żmien ulterjuri, imsemmi qabel, hija tiġi trattata bħala multa ordnata li tithallas mill-qorti li kien ikollha ġurisdizzjoni li tisma' l-każ dwar ir-reat, u jistgħu jittieħdu skond hekk il-proċeduri kollha bħal li kieku kienet ordni ta' dik il-qorti.

(3) Jekk persuna li lilha jingħata avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma taċċettax responsabbilta' għar-reat jew avolja tkun aċċettat dik ir-responsabbilta' tonqos milli tirrimedja r-reat fiż-żmien li ntqal qabel, għandhom jittieħdu kontriha l-proċedimenti ordinarji skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra applikabbli għar-reat.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-Avukat Ġenerali għandu jkollu dejjem dritt ta' appell lill-Qorti ta' Appelli Kriminali minn kull sentenza mogħtija f'proċedimenti li joħorġu minn dan l-Att jew minn regolamenti, regoli jew ordnijiet magħmula taħtu.

## TAQSIMA VII
## SUPPLEMENTARI

Poter li tagħmel regolamenti jinkludi poter li tirrevoka eċċ.

**59.** Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni, kull setgħa mogħtija b'dan l-Att li wieħed jagħmel regolamenti, regoli, ordnijiet, listi, skedi u kull strument ieħor ta' l-istess natura, tinkludi s-setgħa li minn żmien għal żmien iħassar, jissostitwixxi, jemenda, jibdel jew iżid ma' kull strument bħal dak.

Regolamenti

**60.** (1) Il-Ministru jista', fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorita', jagħmel regolamenti biex jirregola jew xort'oħra jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp jew attivitajiet oħra li jolqtu l-art, biex jagħti effett aktar sħiħ lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u, b'mod partikolari, iżda mingħajr ħsara għall-ġeneralita' ta' dak li ntqal qabel, jista' b'dawk ir-regolamenti:

(a) jirregola l-bini u l-kostruzzjoni, demolizzjoni u tibdil tiegħu, kif ukoll kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam ma' bini, billi jiġu meqjusa l-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti, kompriżi dawk ta' sigurtà, estetika, saħħa u sanita';

(b) jippreskrivi l-forma ta' kull avviż, ordni jew dokument ieħor li dan l-Att jawtorizza jew jeħtieġ li jsir jew li jiġi notifikat jew mogħti;

(ċ) jippreskrivi l-mod kif it-taxxa dwar bini jew ħlas ieħor dovut skond dan l-Att għandhom jiġu stabbiliti, riveduti, miġbura, allokati jew xort'oħra trattati;

(d) sa fejn mhux provdut xort'oħra, jippreskrivi l-proċedura li xi korp imwaqqaf b'dan l-Att għandu jsegwi, u jemenda, iżid ma' jew xort'oħra jibdel kull ħaġa li hemm fl-iskedi ta' dan l-Att li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ fuq imsemmija;

(e) jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Awtorita' għas-servizzi provduti minnha, jew dwar xi ħaġa li dwarha huwa meqjus li għandu jitħallas id-dritt;

(f) għal kull għan li għalih huwa awtorizzat jew meħtieġ li jsiru regolamenti minbarra dawk li jsiru mill-Awtorita'.

(2) Kull regolament magħmul taħt dan l-Att jista' jipprovdi għal kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' responsabbiltà għat-tħaris ta' dawk ir-regolamenti, għall-persuni li jistgħu jkunu hekk responsabbli, u għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-twettiq ta' l-imsemmija regolamenti, inklużi, iżda mhux limitata għal, l-imposizzjoni ta' multa ta' mhux aktar minn elf lira dwar kull ksur jew nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

Ċertifikat ta' żvilupp skond il-permess

**61.** (1) Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom ikollhom seħħ dwar kull żvilupp li jkun sar jew li għandu jsir wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "żvilupp ġdid."

(2) Ebda servizz li jikkonsisti fil-provviżjon ta' ilma jew elettriku ma għandu jiġi provdut lil xi żvilupp ġdid minn ebda awtorita' jekk ma jkunx hemm dwar dak l-iżvilupp ċertifikat maħruġ mill-Awtorita' li jgħid li dak l-iżvilupp huwa skond permess għall-iżvilupp.

(3) F'kull waħda miċ-ċirkostanzi li fiha l-Awtorità tista' tinnotifika avviż taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52 ta' dan l-Att, jew jekk l-Awtorità tkun innotifikat avviż bħal dak, l-Awtorità tista' tagħmel ordni li jipprojbixxi it-trasferiment *inter vivos* b'kull titolu ta' kull art li dwarha jista' jiġi notifikat, jew ikun ġie notifikat, avviż kif intqal qabel, u l-ħolqien jew it-trasferiment ta' xi dritt reali fuq dik l-art *inter vivos* ikun x'ikun it-titolu.

(4) Ordni magħmul taħt dan l-artikolu għandu jkun fih deskrizzjoni ta' l-art li għaliha japplika li tkun biżżejjed sabiex isir it-trasferiment tagħha permezz ta' att nutarili, u għandu jiġi indirizzat u notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta f'każ ta' art f'Malta u lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex f'każ ta' art f'Għawdex.

(5) Kull wieħed mid-Diretturi tar-Reġistru Pubbliku għandu jżomm reġistru ta' l-ordnijiet li jsiru taħt dan l-artikolu u jniżżel fih l-ordnijiet kollha li jsiru flimkien mad-dettalji li jkun fihom, kompriża d-data tan-notifika lilu, kif ukoll kull ordni ieħor li jżid ma, jemenda jew jirrevoka xi ordni, f'dak l-ordni u f'dik il-manjiera, u miżjud b'dawk l-indiċijiet, li huwa jidhirlu xierqa biex l-art li għaliha jirreferi tkun tista' tiġi identifikata aktar faċilment.

(6) Ordni magħmul taħt dan l-artikolu jista' jiġi miżjud, emendat jew revokat mill-Awtorità f'kull żmien, b'ordni ieħor u għandu jiġi revokat jekk l-Awtorità tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-ordni jkunu ġew rimedjati jew ikunu xort'oħra spiċċaw; iżda ebda żieda, emenda jew revoka ma tibda' sseħħ qabel dak l-ordni jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Ebda revoka ta' ordni ma tippreġudika l-għemil ta' ordni ġdid.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal ordni magħmul taħt dan l-artikolu, u għal kull rifjut ta' revoka ta' ordni bħal dak, kif japplikaw għal deċiżjoni ta' l-Awtorità li għaliha hemm riferenza fis-subartikolu (1) (a) ta' dak l-artikolu.

(8) Kull trasferiment ta' xi art li dwarha jkun ġie notifikat ordni taħt dan l-artikolu, u li ma jkunx ġie revokat, u kull trasferiment ta' xi dritt reali fuqha, magħmula b'att *inter vivos* ikun x'ikun it-titolu li bih isiru, ikunu nulli u bla effett.

**62.** (1) Meta xi avviż jew att jew dokument ieħor, ikun x'ikun, huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat jew mogħti skond jew taħt dan l-Att, jista' jiġi notifikat jew mogħti f'kull wieħed mill-modi li ġejjin: Notifiki taħt dan l-Att

(a) billi jingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi notifikata jew li lilha għandha tingħata; jew

(b) billi jitħalla fil-post fejn soltu toqgħod jew fejn l-aħħar kienet toqgħod, dik il-persuna, jew jekk dik il-persuna tkun tat indirizz għal notifika, f'dak l-indirizz; jew

(ċ) billi tintbagħat b'ittra reġistrata ndirizzata lil dik il-persuna fil-post ta' abitazzjoni jew indirizz għal notifika fuq imsemmi; jew

(d) f'każ ta' enti morali jew għaqda oħra ta' persuni, billi jingħata f'idejn uffiċjal jew impjegat tagħhom fl-uffiċċju reġistrat jew prinċipali, jew billi tintbagħat b'ittra reġistrata ndirizzata lill-enti jew korp f'dak l-uffiċċju; jew

(e) f'kull każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika f'xi waħda mill-modi ta' qabel dan, lil kull waħda mill-persuni li lilha għandha ssir in-notifika jew li l-avviż jingħata, jew lil xi waħda jew aktar minnhom, billi d-dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal f'post prominenti fuq l-art li għaliha jirreferi u jinżamm hekk imwaħħal għal mhux anqas minn sebat ijiem.

(2) Meta avviż jew dokument ieħor huwa meħtieġ jew awtorizzat kif intqal qabel li jiġi notifikat jew mogħti lill-persuna li għandha xi nteress f'art, u l-isem ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jiġi

aċċertat wara stħarriġ xieraq, jew għandu jiġi notifikat jew mogħti lil min jokkupa art, l-avviż jitqies li ġie notifikat jew mogħti kif imiss jekk jiġi notifikat jew mogħti, f'xi wieħed mill-modi fuq imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u ndirizzat lill-persuna li għandha nteress fl-art deskritta bħala "sid" jew "persuna li tokkupa", jew "sidien" jew "persuni li jokkupaw", skond il-każ.

Tħassir u riserva

**63.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-liġijiet, jew disposizzjonijiet tagħhom, speċifikati hawn taħt huma mħassra jew ikollhom effett kif provdut f'dan l-artikolu.

(2) Il-liġijiet li ġejjin, jew id-disposizzjonijiet tagħhom, jiġifieri:

Kap. 10

(a) Taqsima I u, sa fejn id-disposizzjonijiet tagħha jiġu sostitwiti, u jingħad espressament li qed jiġu sostitwiti, b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 60 ta' dan l-Att, it-Taqsima V tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Kap. 87

(b) L-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini;

Att X ta' l-1988

(ċ) L-Att ta' 1988 dwar Permessi għal Bini (Provvedimenti Temporanji);

Att I ta' l-1983

(d) daqstant mill-Att ta' l-1983 dwar l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini li jkun għadu operattiv sewwa sew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att,

huma b'dan imħassra:

Iżda –

(i) kull ħaġa magħmula jew li ma saritx taħthom skond il-liġi għandha, sa fejn ma tkunx f'konflitt mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ma tiġix milquta;

(ii) kull reat magħmul kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet imħassra b'dan l-artikolu għandu jibqa' reat kontra dawk id-disposizzjonijiet u jistgħu jinbdew jew jitkomplew proċedimenti dwaru bħal li kieku dawk id-disposizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ bla ħsara għall-applikazzjoni, dwar kull att jew ommissjoni li tikkostitwixxi dak ir-reat, tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att;

(iii) kull permess maħruġ jew mogħti taħt xi waħda mid- disposizzjonijiet mħassra b'dan l-artikolu li jkun għadu jseħħ fid-data li hija sewwa sew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jkompli jkun operattiv għall-perjodu u taħt il-kundizzjonijiet li għalih jew taħthom

ikun inħareġ jew ġie mogħti, iżda għandu għall-għanijiet kollha barra mit-tul ta' żmien jitqies li hu permess mogħti mill-Awtorita';

(iv) kull pjan ta' żvilupp magħmul taħt l-Att ta' l-1988 dwar Permessi għal Bini (Provvedimenti Temporanji) li jkun fis-seħħ fid-data li hija sewwa sew qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jibqa' operattiv u jkollu effett bħal li kieku kien pjan ta' żvilupp magħmul taħt dan l-Att u jiġi trattat skond hekk;

(v) kull regolamenti magħmula taħt l-artikolu 14 ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini, u daqstant minn dik l-Ordinanza li hu meħtieġ biex ikomplu japplikaw u jiġu mwettqa dawk ir-regolamenti, għandhom jibqagħu jseħħu sakemm isir taħt dan l-Att ordni dwar ir-reklami;

(vi) id-disposizzjonijiet ta' l-Att tal-1983 dwar l-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, miżmuma fis-seħħ bil-paragrafi (ii) u (iii) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att tal-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji), għandhom jibqgħu fis-seħħ.

# SKEDI
# L-Ewwel Skeda

**Artikolu 3**

**Disposizzjonijiet dwar l-Awtorita'**

1. L-Awtorita' tista' taħdem minkejja kull vaganza fost il- membri tagħha, iżda jrid ikun hemm quorum preżenti għall-laqgħa.

2. Il-quorum ta 'l-Awtorita' għandu jikkonsisti miċ-*chairman* jew deputat-*chairman* u mhux anqas minn nofs in-numru tal- membri l-oħra li jagħmlu l-Awtorita' fil-ħin tal-laqgħa.

3. Il-laqgħat ta' l-Awtorita' jissejħu miċ-*chairman* jew fuq inizzjattiva tiegħu jew fuq talba ta' tnejn mill-membri ta' l-Awtorita'; u l-Awtorita' għandha tiltaqa' wkoll f'dawk iż-żminijiet li hi stess tiddeċiedi.

4. Iċ-*chairman*, jew deputat *chairman* li jkun qed jaġixxi floku, ikollhom vot oriġinali u, jekk il-voti jkunu maqsumin indaqs, vot ieħor jew *casting vote*.

5. Membru ta' l-Awtorita' li għandu nteress dirett jew indirett f'xi ħaġa li tiġi quddiem l-Awtorita' biex tiġi kunsidrata minnha għandu, mhux aktar tard minn l-ewwel laqgħa miżmuma wara li jkun sar jaf biċ-ċirkostanzi rilevanti, juri in-natura ta' l-interess tiegħu. Dan il-fatt għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa u l-membru –

(a) m'għandux jieħu sehem fid-diskussjonijiet jew deċiżjonijiet ta' l-Awtorita' dwar dik il-ħaġa; u

(b) m'għandux jingħadd biex jiġi stabbilit il-quorum għal dawk id-diskussjonijiet jew deċiżjonijiet.

6. Kull att magħmul *bona fide* minn persuna bħala membru ta' l-Awtorita' jkun validu u jkollu effett bħal li kieku kien membru anki jekk wara jinstab xi difett fil-kwalifiki jew nomina tiegħu.

7. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 57 ta' dan l-Att, kull dokument li juri li hu att maħruġ mill-Awtorita' u ffirmat miċ-*Chairman* ta' l-Awtorita' jew mid-Direttur ta' l-Ippjanar f'isem l-Awtorita' għandu jiġi aċċettat bħala prova u għandu, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jitqies li hu att magħmul u maħruġ mill-Awtorita'.

8. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kompriża din l- Iskeda, l-Awtorita' tista' tirregola l-proċeduri tagħha; iżda meta l-Awtorità taqdi funzjonijiet normalment delegati lill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp, is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att japplika għaliha bħal ma japplika għall-Kummissjoni.

# IT-TIENI SKEDA

**Artikolu 6**

**Disposizzjonijiet dwar l-uffiċjali pubbliċi mqabbda biex jaqdu dmirijiet ma' l-Awtorita'.**

1. Direttiva taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att għandha tapplika għall-uffiċjal imsemmi fiha għall-perijodu li jispiċċa, jekk l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra ma jibqax fil-kariga, qabel, jew jekk id-direttiva ma ssemmix data differenti, meta tiġri xi waħda mill-ġrajjiet li ġejjin, jiġifieri -

(a) l-aċċettazzjoni minn dak l-uffiċjal ta' offerta li jiġi trasferit għas-servizz ta', u għal impjieg permanenti ma' l-Awtorità, magħmula skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att; jew

(b) ir-revoka mill-Prim Ministru ta' xi direttiva magħmula minnu taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att dwar dak l-uffiċjal.

2. Meta uffiċjal pubbliku jiġi mqabbad biex jaqdi dmirijiet ma' l-Awtorita' kif intqal qabel dak l-uffiċjal għandu, tul iż-żmien kollu li d-direttiva tibqa' sseħħ dwaru, jkun taħt il-kontroll amministrattiv ta' l-Awtorita'; iżda għandu għall-ħsibijiet u għanijiet l-oħra kollha jibqa', u jitqies u jiġi trattat, bħala uffiċjal pubbliku

3. Mingħajr ħsara għall-ġeneralita' ta' dak li ntqal qabel, uffiċjal pubbliku mqabbad biex jaqdi dmirijiet kif intqal -

(a) m'għandux waqt li jkun hekk imqabbad -

(i) jiġi prekluż milli japplika għal trasferiment għal xi dipartiment tal-Gvern skond il-patti u kundizzjonijiet ta' servizz applikabbli għal kariga tiegħu mal-Gvern li huwa jkollu fid-data li fiha ġie mqabbad biex jaqdi dawk id-dmirijiet; jew

(ii) jiġi mpjegat hekk li l-ħlas jew kundizzjonijiet ta' servizz ikunu anqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-kariga li kellu mal-Gvern fid-data fuq imsemmija jew li kienu jkunu applikabli għal dik il-kariga tul dak iż-żmien kieku dak l-uffiċjal ma ġiex imqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Awtorita'; u

(b) ikun intitolat li jkollu s-servizz ma' l-Awtorita' meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' kull pensjoni jew *gratuity* skond kull liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien, u għal kull dritt jew privileġġ ieħor li għalih kien ikun intitolat, u għandu jkun responsabbli għal kull ħaġa li għaliha kien ikun responsabbli kieku ma kienx imqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Awtorita'.

4. Meta ssir applikazzjoni kif provdut fil-paragrafu 3 (a) (i) ta' din l-Iskeda, għandha tingħata lilha l-istess kunsiderazzjoni daqs li kieku l-applikant ma kienx imqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Awtorita'.

# IT-TIELET SKEDA

**Artikolu 15**

**Proċedimenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar**

1. Kull persuna li tħossa aggravata minn deċiżjoni ta' l-Awtorita' kif provdut fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, tista' tappella lill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-deċiżjoni tiġi kommunikata lill-persuna li tkun għamlet l-applikazzjoni li dwarha ttieħdet id-deċiżjoni.

2. L-applikazzjoni għandha jkun fiha r-raġunijiet ta' l-appell u t-talba ta' l-appellant, u kopja tagħha għandha tiġi kommunikata lill-Awtorita' qabel ma jinstema' l-appell.

3. L-appellant jista' jidher quddiem il-Bord jew personalment jew permezz ta' aġent fil-ġurnata u ħin iffissati għas-smiegħ, jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jipproduċi dawk il-provi li l-Bord jippermetti:

Iżda l-Bord jista' jipposponi is-smiegħ ta' l-Appell jekk ikun sodisfatt li l-appellant ma' setax jidher quddiemu minħabba mard jew għax kien barra minn Malta jew għal raġuni oħra simili.

4. Il-Bord għandu jagħti lill-Awtorita' l-opportunita' li tagħmel sottomissjonijiet biex tiġġustifika id-deċiżjonijiet tagħha u li ġġib dawk il-provi li l-Bord jidhirlu meħtieġa.

5. Il-Bord ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħti l-ġurament lil kull min jidher quddiemu.

6. Il-Bord ikollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew ibiddel deċiżjoni li kontra tagħha jkun sar appell u jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq.

7. Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali u ma jkun hemm ebda appelli minnhom ħlief fuq punti ta' liġi biss.

8. Jekk l-appellant jew l-Awtorita' ma jaqblux ma' xi punt ta' liġi deċiż mill-Bord, huma jistgħu jappellaw lill-Qorti ta' l-Appell b'applikazzjoni preżentata kif provdut fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att.

9. Is-seduti kollha tal-Bord għandhom jinżammu fil-pubbliku u d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom jingħataw fil-pubbliku.

10. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet t'hawn fuq u dawk ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu.

---

**Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 611 tal-15 ta' Jannar, 1992.**

MANWEL BORDA
*Aġent Speaker*

PHILIP L. ATTARD
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*